**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Jimmy Paul Saliba**

Numru: 46/2017

Illum, 17 ta' Lulju 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Jimmy Paul Saliba,** ta' sebgha u tletin (37) sena, iben Alfred u Silvana nee' Saliba, imwieled Melbourne, Awstralja nhar l-14 ta' Jannar 1980, residenti fil-fond 'St. Anthony', Triq Skappucina, Zebbug, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 355794(M), akkuzat talli nhar l-10 ta' Lulju 2017 bejn it-8.00a.m. u d-9.00a.m. fil-Fontana, Ghawdex u/jew f'dawn il-Gzejjer;

1. Bla hsieb li jisraq izda biss biex jezercita' xi jedd li ppretenda li ghandu huwa personalment flimkien ma' terzi persuni fixkel lill-Kunsill Lokali Fontana fil-pussess tal-hwejjeg tal-istess Kunsill u dan billi mar fl-ufficini tal-Kunsill Lokali, Fontana fl-indirizz 'Multi Purpose Room', l-Ewwel Fazi tac-Centru

Civiku, Triq ta' Mulejja, Fontana, Ghawdex u minn hemm qabad u ha mieghu zewg kompjuters u *external hard drive* wahda mill-ufficini tal-istess Kunsill u dan minghajr il-kunsens jew approvazzjoni tar-rapprezentanti tal-Kunsill Lokali Fontana u dan bi ksur tal-Artikolu 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli nhar l-10 ta' Lulju 2017 bejn it-8.00a.m. u l-11.30a.m. gewwa z-Zebbug, Ghawdex u/jew f'dawn il-Gzejjer;

2. Minghajr ma' kien awtorizzat minn Kunsill Lokali, bl-intervent tieghu fuq iz-zewg kompjuters u l-*external hardward drive* ipprevjena jew ostakola l-funzjonament jew it-thaddim tas-sistema tal-kompjuters tal-Kunsill Lokali Fontana bi ksur tal-Artikolu 337C(1)(e) tal-Kapitlu 9;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa z-Zebbug, Ghawdex u/jew f'dawn il-Gzejjer, minghajr ma' nghata l-ebda awtorizzazzjoni mir-rapprezentanti tal-Kunsill Lokali Fontana li jimmodifika taghmir jew provvisti ta' zewg *computers u external hardware drive* li jintuzaw jew li huma mahsubin li jintuzaw fil-*computer network* tal-Kunsill kif ukoll ha l-pussess ta' jew hsarat jew qered zewg sistemi ta' *computers* u *external hardware drive* li jintuzaw jew li huma mahsubin li jintuzaw fil-*computer network* tal-Kunsill Lokali Fontana jew hassar it-thaddim ta' xi wiehed minnhom u dan bi ksur tal-Artikoli 337D(a) u 337 D(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel hsara f'xi funzjoni jew attivita' tal-Gvern, jew tellef, gharraq jew interrompa b'xi mod l-ghoti ta' xi servizz jew utilita' pubblika, kemm jekk dak is-servizz jew dik l-utilita' jkunu provduti jew imhaddma minn xi entita' tal-Gvern u cioe' l-Kunsill Lokali Fontana u kif ukoll ikkawza hsarat serji ghall-operat tal-Kunsill Lokali u dan bi ksur tal-Artikoli 337F(2)(a)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 132) datata 16 ta' Marzu 2018 li permezz taghha baghat lill-imputat Jimmy Paul Saliba

biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(1) Artikoli 85(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) Artikoli 337C(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) Artikolu 337D(a) u 337D(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) Artikolu 337F(1) u 337F(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(5) Artikoli 17, 31, 532A, 532B, u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-22 ta' Marzu 2018 (*a fol.* 133 u 134), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fis-16 ta' Marzu 2018, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-*parte civile* pprezenta fit-2 ta' Mejju 2018 (*a fol.* 170 *et seq*.) u n-Nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat prezentata fl-1 ta' Gunju 2018 (*a fol.* 184 *et seq*.)

**Il-fatti specie tal-kaz**

Is-segretarja ezekuttiva precedenti tal-Kunsill Lokali Fontana Odette Camilleri ghamlet ordni ta' tiswijiet u *hardware* gdid ghall-kompjuters tal-Kunsill Lokali Fontana minhabba urgenza li nqalghet fis-sistema u dan gara fis-27 ta' Jannar 2016 u fil-jiem ta' wara. Wara tmien (8) xhur li kien sar ix-xoghol, l-imputat li kien wettaq ix-

xoghol ordnat ma kienx thallas. Il-kwerelanti jsostnu li l-ordni saret qabel l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali Fontana, tant li sussegwentement il-membri tal-Kunsill Lokali Fontana iddecidew unanimament li "*l-invoice ta' Jimmy Saliba ghandha tigi sospiza.*"[1] Il-Kunsill fl-istess laqgha li saret fit-8 ta' Gunju 2017 iddecieda ukoll "*filwaqt li nilqghu t-talba tieghu (***ta' l-imputat Jimmy Saliba***) sabiex jiehu l-parts tal-computer lura, li ghamel minghajr ma kien hemm awtorizzazzjoni tal-kunsill*"[2]. (Enfazi tal-Qorti.) Dan ghaliex fil-fehma tal-Kunsill bl-ammont li intalab ghat-tiswijiet u l-*hardware* li gie ordnat kien jinxtara kompjuter gdid. Din is-saga jidher li kienet ilha ghaddejja ghaliex fl-atti gie prezentat *payment voucher* datat 27 ta' Jannar 2016[3] fejn hemm imnizzel li l-hlas kien se jsir b'cheque datat 29 ta' Frar 2016[4]. Xi xhur wara li nbidel is-Segretarju Ezekuttiv, intalbet *invoice*[5] ohra lill-imputat biex fiha jaghti dettalji tax-xoghlijiet li wettaq fuq ordni tas-Segretarju Ezekuttiv precedenti. Din hija data 10 ta' Mejju 2017 u hemm imnizzel fuqha "***Goods will remain the property of Jimmy's Electronics until paid in full***". Gara li darba minnhom l-imputat konxju ta' din id-decizjoni tal-Kunsill minhabba dak li kien imnizzel fil-minuti tas-seduta tat-8 ta' Gunju 2017 u ghaliex kien qallu bid-decizjoni s-Sindku meta ltaqa' mieghu fit-t-triq, fl-10 ta' Lulju 2017 mar fl-ufficini tal-Kunsill u ha mieghu z-zewg kompjuters tal-Kunsill u l-*External hard drive* u baqa' sejjer bihom fil-*work-shop* tieghu fiz-Zebbug. L-impjegat tal-Kunsill li kien prezenti meta ra dan ghaddej baqa' cass u ma hassx li kellu jwaqqaf

[1] A fol. 42
[2] Laqgha Numru 7 tas-Seba' Legislatura
[3] A fol 51
[4] Ibid.
[5] l-invoice immarkata bhala Dok HB 1

lill-imputat milli jaghmel dan. Minn hemm imbaghad sar rapport mir-rapprezentanti tal-Kunsill Lokali Fontana "dwar serq", u b'email gew infurmati il-Kummissarju tal-Pulizija, il-Ministru Owen Bonnici, is-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis, id-Direttur tal-Gvern Lokali Adrian Mifsud, l-Ispettur Bernard Charles Spiteri u l-Monitoring Unit tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali[6] u l-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-Data Saviour Cachia dwar "*the possibility of Data Protection breach*[7]". Wara bdew il-proceduri odjerni.

**KUNSIDERAZZJONIJIET LEGALI GENERALI**

Illi qabel il-Qorti tghaddi biex taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha rigward l-imputazzjonijiet per se, il-Qorti ser tghaddi biex taghmel numru ta' kunsiderazzjonijiet generali.

**<u>Preliminari</u>**

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala un avviso a comparire, l-

[6] Dok HG 4 a fol. 60
[7] Dok HG 5 a fol 61

imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew medium ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mill-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia carte blanche li

tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħa jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

**Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li ma humiex prevvisti mill-Kodici Kriminali. Lanqas ma tista' tiddeciedi dwar nuqqasijiet amministrattivi u ta' governanza li ma jwasslux ghal reat kriminali li jkunu indikati fl-akkuzi mnizzla.**

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lill-Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet prezentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Livell ta' prova</u>**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzat jigi misjub hati l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller v Minister of Pension** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni '*proof beyond a reasonable doubt.*'

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew

akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

**Apprezzament tal-provi fl-assjem**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il- Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**XHIEDA**

F'dan ll-kaz xehdu tlettax (13)-il xhud:

PS 664 Jason Xerri (a fol. 16), PS 676 Edelon Spiteri (a fol. 19 et seq), PC 1058 Noel Mercieca (a fol. 22 et seq.), l-Ispettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 24 et seq.), Heidi Grech (a fol. 43 et seq.), Saviour Borg (a fol. 63 et seq.), Christopher Buhagiar (a fol. 67 et seq.), l-Ispettur Timothy Zammit (a fol. 80 et seq.), Heidi Grech (a fol. 117 et seq.), Odette Camilleri (a fol. 127et seq.), Heidi Grech (a fol. 135), l-imputat

Jimmy Paul Saliba (a fol. 160 et seq.) u Alfred Saliba (a fol. 167 et seq.).

L-Ufficcjal Prosekutur l-**<u>Ispettur Bernard Charles Spiteri</u>** (a fol. 24 et seq.) xehed li:

> *Nhar l-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena sena elfejn u sbatax (2017) kont infurmat għal ħabta tad-disgħa ta' filgħodu (~ 9.00 a.m.) mis-surġent 664 Jason Xerri li kien mar ċertu Christopher Buhagiar mill-kunsill lokali tal-Fontana, u li anke ukoll kienet kellmitni s-segretarja tal-kunsill ċerta Heidi, fejn dawn irrappurtaw li kien mar persuna ċertu Jimmy Saliba miż-Żebbuġ, u li dan kien mar il-kunsill u li kien ħa xi kompjuters minn hemmhekk. Dan Buhagiar kien qal li dan kien għal ħabta tat-tmienja u nofs ta' filgħodu (~ 8.30 a.m.) u ma' Jimmy Saliba kien hemm ħaddiem ieħor u li dan Jimmy Saliba qabad u żarma l-kompjuter u l-external hard drive li fihom id-data tal-kunsill u xħin qallu għalfejn kien ser joħodhom qallu biex jiċċekkja mal-laqgħa li kienet saret tal-kunsill xi ġranet qabel, u dan qabad u ħa l-affarijiet u telaq bihom. Hu kien qalilna li Jimmy ħa żewġ computer towers wieħed kbir u wieħed żgħir u external hard drive.*
>
> *Fid-dawl ta' dan il-pulizija kienet bagħtet għal Jimmy Saliba li kien ġie minnufih l-għassa u li dakinhar stess imbagħad filgħodu kont bgħatt lis-surġent 676 jien biex imur biex jiġbor dawn il-kompjuters minn ġewwa r-residenza tiegħu. Jiena infurmajtu lil*

*Jimmy u għidtlu ħa mmorru niġbruhom; hu ma sab l-ebda diffikultà u morna u ġbarnihom mingħandu. Jiena lil Christopher Buhagiar dakinhar kont staqsejtu jekk iridx jieħu xi passi fil-konfront tiegħu, biss però hu kien qalli li peress li huwa kulma huwa impjegat tal-kunsill li jkun aħjar li nitkellmu mas-segretarja tal-kunsill biex naraw x'passi jridu jittieħdu u ma jitteħdux.*

*Li rrid ngħid li s-segretarja wara xħin kellemniha, Heidi Grech, kienet insistiet magħna li l-pulizija jieħdu l-passi fil-konfront tiegħu għaliex jista' jkun li nsteraq, kien hemm il-biża' li jista' jkun li nsterqet xi data mill-kompjuter fil-ħin li dam fil-pussess ta' dan Jimmy Saliba. Jiena rrid ngħid li fid-dawl ta' dawn l-allegazzjonijiet aħna konna bagħtna l-affarijiet kollha li ġbarna lis-Cyber Crime ta' Malta u fil-fatt għadhom għandhom biex isiru t-testijiet kollha meħtieġa biex jistabilixxu jekk kinitx insterqitx xi informazzjoni minnhom jew le.*

*[…]*

*Nhar l-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena sena elfejn u sbatax (2017) kont bgħatt għal Jimmy Saliba erġajt l-għassa, kont tajtu twissija dwar id-drittijiet legali tiegħu u hu fil-fatt kien għażel li ma jikkonsultax ma' avukat, u preżenti waqt din l-istqarrija, u kien anke ukoll iffirma dikjarazzjoni tar-rifjut tal-parir legali.*

*Li rrid ngħid li wara kien anke ukoll irrilaxxali stqarrija li iżda kien għażel li ma jweġibx għad-domandi li sarulu kollha, kien għażel li ma jweġibx.*

*Nhar it-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena sena elfejn u sbatax (2017) kont bgħatt għal Alfred Saliba, li jiġi missier Jimmy Saliba, li jirriżulta li hu kien dan il-persuna li kien mar miegħu meta ħa dawn l-affarijiet mill-kunsill u dan kien tana stqarrija u dan kien għażel li jwieġeb għad-domandi kollha illi sarulu u kien għażel ukoll li ma jkunx hemm avukat preżenti, li ma jikkonsultax ma' avukat qabel lanqas, u f'din l-istqarrija hu kien qalilna fi ftit kliem insomma li hu kien niżel mat-tifel tiegħu lejn ir-Rabat għax is-soltu jmur idur dawra miegħu bil-vann u li mbagħad f'ħin minnhom dan it-tifel qallu li għandu bżonn imur qadja sal-kunsill u li kien talbu biex imur jgħinu biex iġorru dawn l-affarijiet, biss, però, dan Alfred Saliba kien qalilna li ma kienx jaf x'kienet il-kwistjoni, ma kien jaf xejn, kulma kien li t-tifel talbu biss biex jgħinu u fid-dawl ta' dan aħna ma konniex ħadna passi fil-konfront tiegħu.*

*Imbagħad sussegwentement aħna konna irċevejna kwerela minn Dottor Jean Paul Grech għan-nom tal-kunsill tal-Fontana fejn dan talabna sabiex nieħdu passi fil-konfront ta' Jimmy Saliba.*

*[…]*

*Dottor Renata Formosa għan-nom tal-imputat Jimmy Saliba kienet ukoll għaddietli kopja tal-minuti tal-Kunsill Lokali tal-Fontana, hawn hawnhekk b'kollox tmien (8). U din qiegħda tgħid li f'dawn il-minuti tal-laqgħa tal-kunsill tat-tmienja (8) ta' Ġunju tas-sena sena elfejn u sbatax (2017) kien hemm qbil illi Jimmy Saliba jingħata lura dawn l-oġġetti qiegħda tgħid skont dawn in-notamenti.*

*Li rrid ngħid huwa li rriżulta li dan Jimmy Saliba kien għamel xi xogħlijiet lill-kunsill tal-Fontana xi żmien qabel, kien baqa' ma tħallasx tagħhom u li l-kwistjoni kienet kif kien ħa jitħallas u huwa deherlu li la ma tħallasx kellu jieħu l-affarijiet lura. U dik il-ħabta kien hemm segretarja eżekuttiva oħra, jiġifieri ma kinitx Heidi Grech, u li minn investigazzjoni irriżultalna li qabbditu jagħmel dawn ix-xogħlijiet.*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*
*Mill-investigazzjonijiet li għamiltu, dan x'għamlilhom il-kompjuters xħin ħadhom fid-dar tar-residenza tiegħu?*
*<u>Ix-xhud</u>:*
*Ara, aħna l-kompjuters ma damux xi ħin twil ħafna fir-residenza tiegħu għax l-inċident seħħ fit-tmienja u nofs (~ 8.30), sakemm ġew jagħmlu r-rapport u l-pulizija mill-ewwel ċemplulu biex jiġi lura. Biss, però, sakemm damu għandu hu kien diġà fetaħ il-kompjuters, kif diġà xehed il-pulizija ta' qabli, PC 1058, kien diġà fetaħhom il-kompjuters. U jiġifieri biex ġabhom kellu jerġa' jgħaqqadhom.*

Ix-xhud **PS 664 Jason Xerri** (a fol. 16) xehed li:

*Fl-għaxra (10) ta' Lulju ta' din is-sena (2017) għal ħabta tad-disgħa (~ 9.00) kien ġie Christopher Buhagiar li jaħdem il-Kunsill tal-Fontana li kien irrappurtali li kien mar Jimmy Saliba miż-Żebbuġ u kien ħa xi kompjuters mill-Kunsill. Li kien ħa Jimmy, skont kif irrappurtali Christopher, qalli li kien ħa kompjuter b'tower kbir, ieħor żgħir u external hard drive.*

*Jien minn naħa tiegħi kont infurmajt l-ispettur u daħħalt okkorrenza.*

Ix-xhud **PS 676 Edelon Spiteri** (a fol. 19 et seq) spjega li:

*Nhar l-għaxra (10) ta' Lulju two thousand and seventeen (2017) kont ġejt mogħti struzzjonijiet mill-Ispettur Bernard Spiteri biex immur fir-residenza tas-Sur Jimmy Saliba, fiż-Żebbuġ, Għawdex minn fejn hemmhekk elevajt żewġ computer towers u hard drive.*

Ix-xhud **PC 1058 Noel Mercieca** (a fol. 22 et seq.) xehed li:

*Fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Bernard Charles Spiteri fl-għaxra (10) ta' Lulju ta' din is-sena (2017) għal ħabta ta' nofsinhar neqsin kwart (11.45 a.m.) morna fir-residenza tas-Sinjur Jimmy Saliba u minn ġol-garaxx elevajna żewġ kompjuters u harddrive u konna tajnih irċevuta u konna tajnihom lill-Ispettur Spiteri.*
*Spettur Bernard Charles Spiteri:*

*Ara, dawn il-kompjuters, f'liema stat kienu? Kienu miftuħin, kienu magħluqin, kienu mixgħulin, mitfijin?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Kienu mitfijin u miftuħin u s-surġent qallu "agħmilhom kif kienu."*

*<u>Kontro eżami</u>:*

*<u>Avukat Dottor Renata Formosa</u>:*

*Taqbel illi s-Sur Saliba ikkopera magħkom?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Eżattament, iva, ikkopera ħafna.*

*<u>Avukat Dottor Renata Formosa</u>:*

*U takom direttament il-kompjuter.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Iva, iva, iva.*

Ix-xhud **<u>Saviour Borg</u>** (a fol. 63 et seq.), Sindku tal-Fontana xehed li:

*Jiena fl-għaxra (10) ta' Lulju kont hawn xogħol u bejn it-tmienja u d-disgħa (8.00 – 9.00) f'xi ħin minnhom ċempilli l-iskrivan tal-kunsill Chris Buhagiar qalli "ħa ngħidlek xi ħaġa li m'intix ħa tieħu pjaċir biha." Għidtlu, "mela x'inhi?" Qalli, "għax ġew ħadulna l-kompjuters." Imbagħad għidtlu, "informa lis-segretarju eżekuttiv u agħmel rapport l-għassa." Għax jiena kont hawnhekk xogħol.*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*

*Eħe? Imbagħad minn hemmhekk x'ġara?*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Jiġifieri dan jiġu joħdulkom il-kompjuters, m'għandkom xejn biex xi ħadd iżomm lil xi ħadd milli jiġi jieħu xi ħaġa? Intom kunsill lokali mhux cash and carry jiġifieri, hux hekk!*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*L-iskrivan biss kien hemm hemmhekk.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Tidħol u tieħu! Eh!*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*L-iskrivan Chris Buhagiar kien hemm biss.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Jiġifieri dan l-iskrivan ma ndenjax ruħu jgħidilhom "x'ħa tieħdu xejn!  Stenna ħa jiġi s-sindku jew jiġi xi ħadd ieħor." Ma qallhom xejn dan?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Dakinhar għamilna laqgħa b'urġenza –*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Le, filgħodu meta suppost ittieħdu l-affarijiet.  Ma pruvax iwaqqafhom dan?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Lill-kunsill infurmah fil-laqgħa ta' urġenza filgħaxija li ma offra ebda reżistenza għax beża' minnhom għax kienu tnejn.*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*

*Issa, ma' dan Jimmy Saliba kellkom xi kwistjonijiet u x'kienu jekk jekk jogħġbok?*

*Ix-xhud:*

*Dak kien hemm kwistjoni fuq ħlas ta' tiswija ta' kompjuter li kien ordnat mis-segretarja preċedenti u billi ma kienx approvat mill-kunsill ma tħallasx xħin ġie għal-laqgħa tal-kunsill, għall-approvazzjoni.*

*Il-Qorti:*

*Kemm kien mela l-valur ta' din il-ħsara?*

*Ix-xhud:*

*Mingħalija erba' mija u ħamsin ewro (€450).*

*Avukat Dottor Jean Paul Grech:*

*Issa, f'dan ir-rigward il-kunsill kien ħa xi deċiżjoni fir-rigward ta' dan il-kont? U jekk ħa xi deċiżjoni x'kienet?*

*Ix-xhud:*

*Fl-erbgħa (4) ta' Mejju konna iddiskutejniha u li mbagħad fit-tmienja (8) ta' Ġunju, sorry.*

*Avukat Dottor Jean Paul Grech:*

*Issa, din id-deċiżjoni tal-kunsill ġietx komunikata lil Jimmy Saliba u jekk ġiet komunikata minn min?*

*Ix-xhud:*

*Uffiċċjalment ma nafx ġietx ikkomunikata.*

***Kontro eżami:***

*Avukat Dottor Renata Formosa:*

*Ngħid sewwa li s-Sur Saliba kien iltaqa' miegħek u kont infurmajtu inti stess li ser taqblu li jieħu l-parts lura?*

*Ix-xhud:*

*Iva, iltqajt miegħu fejn Ta' Putirjal u staqsieni, għidtlu, "għandha tinfurmak is-segretarja tal-kunsill."*

Avukat Dottor Renata Formosa:

*Għidtlu hekk.*

Ix-xhud:

*Eħe. Imbagħad l-iskrivan xħin tkellem fil-laqgħa ta' urġenza qal li s-Sur Saliba qallu li dan li qed jagħmel qed iwettqu skont il-minuti tal-kunsill.*

Avukat Dottor Renata Formosa:

*Issa, tikkonferma ukoll illi kontu irċevejtu bħala kunsill ittri legali fejn kienu qed jinterpellawkom biex tħallsu għall-kont?*

Ix-xhud:

*Iva, weġibniek permezz ta' Dottor Jean Paul Grech.*

Avukat Dottor Renata Formosa:

*Ir-risposta taf x'kienet?*

Ix-xhud:

*Ma niftakarx eżatt imma ġiet diskussa u weġibniha permezz tal-avukat.*

Avukat Dottor Renata Formosa:

*Issa, id-deċiżjoni li jsir dan ix-xogħol, minn min saret? Mill-kunsill.*

Ix-xhud:

*Le. Ġie ordnat għax jien kien kellemni qabel is-Sur Saliba, qalli, "jiena ordnatli Odette Camilleri," li kienet ex segretarja tal-kunsill.*

Avukat Dottor Renata Formosa:

*Issa, bħala kunsill u s-segretarja, il-kunsill ma jonorax l-obbligi li tkun għamlet segretarja?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*L-affarijiet biex jinxtraw l-affarijiet iridu jgħaddu mil-laqgħa tal-kunsill.*

*<u>Avukat Dottor Renata Formosa</u>:*

*Issa, ir-relazzjoni tagħkom, tiegħek, mas-Sinjura Odette Camilleri kif kienet, kif spiċċat?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ma kelli l-ebda problemi magħha; hi talbet li tirriżenja, fuq affarijiet oħra nimmaġina.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Lid-Dipartiment, il-kwistjoni tat-tiswija mingħajr l-approvazzjoni tal-kunsill, mhux mingħajr l-approvazzjoni tas-segretarja eżekuttiva, informajtuh dwarha?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ma nafx ta. Jiena żgur li le.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Infurmajtu lill-Bord tal-Governanza Lokali fuq din is-sitwazzjoni kif żviluppat biex tieħdu xi forma ta' ruling minn hemmhekk?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ma jidhirlix.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Issa, rigward tiswija ta' kompjuter, mhux tixtri kompjuter, tajjeb? jiġifieri inti qed tgħid li biex insewwu kompjuter irridu l-approvazzjoni tal-kunsill –*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Tal-kunsill, kull ħaġa trid tiġi approvata.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Jiġifieri ħsara urġenti, jekk jinqata' d-dawl nistennew laqgħa tal-kunsill biex insewwuh id-dawl. Mhux insewwuh?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Imma l-kunsill ma kienx infurmat.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Imbagħad tagħmlu l-laqgħa u tgħidu dan kien hemm il-ħsara etc. Jiġifieri jekk hemm ħsara trid issewwiha immedjatament. Issa, imbagħad tinforma lil min. Jiġifieri din is-segretarja li kien hemm il-ħsara fil-kompjuter u ordnat it-tiswija, lanqas lilek ma nfurmatek? Insa l-laqgħa tal-kunsill; lilek qaltlek li "għandna din il-ħsara ħa nordna t-tiswija"? xejn? Għar-rasha mxiet din?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ma niftakarx eżatt għax ilu iktar minn sena.*

*<u>Avukat Dottor Renata Formosa</u>:*

*Inti ma tiftakarx qed tgħid jekk kinitx qaltlek minħabba l-ħsara?*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Jekk kinitx qaltlu bil-ħsara u li ħa tqabbad li xi ħadd biex isewwi.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ma niftakarx. Ilu aktar minn sena.*

Ix-xhud **<u>Christopher Buhagiar</u>** (a fol. 67 et seq.) skrivan fil-Kunsill Lokali tal-Fontana xehed:

*Fl-għaxra (10) ta' Lulju, it-Tnejn kien, bejn it-tmienja u d-disgħa ta' filgħodu (8.00 – 9.00 a.m.).*

*Avukat Dottor Jean Paul Grech:*

*U x'ġara eżatt?*

*Ix-xhud:*

*Daħal is-Sur Jimmy Saliba u persuna ieħor il-kunsill –*

*[…]*

*Il-Qorti:*

*Li kellu miegħu min kien? Kien xi heavyweight, hawn, x'kien? Min hemm miegħu? Bniedem anzjan, żgħir, żagħżugħ, jittrenja l-gym, li jwerwrek hekk, min kien li kien hemm miegħu?*

*Ix-xhud:*

*Persuna normali.*

*Il-Qorti:*

*Kemm kellu żmien li kellu miegħu?*

*Ix-xhud:*

*As such bejn forty, late fifties.*

*Avukat Dottor Jean Paul Grech:*

*U x'ġara? Mela, għidtilna l-għaxra (10) ta' Lulju bejn it-tmienja u d-disgħa, ġie hemmhekk. X'ġara mbagħad?*

*Ix-xhud:*

*Ġie hemmhekk, baqa' dieħel ħdejn il-kompjuter tas-segretarja, qabel u qalgħu –*

*Il-Qorti:*

*Dan hemm xi bieb biex tidħol hemm jew xħin tidħol issib –*

*Ix-xhud:*

*Le, daħal mill-bieb, jiena kellimtu qisu normali, għidtlu, "bonġu Jimmy" whatever, u baqa' dieħel ħdejn il-kompjuter tas-segretarja u ħasadni. Qabad u qalgħu minn postu. Bdejt insaqsih x'qed jagħmel, qalli, "niċċekkja l-minuti tal-kunsill," għal-laqgħa li kienet għadha kif ġrat. Jiena ħassejtni intimidat allura m'għamilt xejn –*

<u>*Il-Qorti*</u>*:*

*Inti kif ħassejtek intimidat?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Għax kienu hu u persuna oħra; jekk nipprova nuża l-forza ma nafx x'jista' jiġri.*

<u>*Il-Qorti*</u>*:*

*Li tħossok intimidat għax ġie dan u anzjan, l-ewwel nett qatt m'għandu jibqa' dieħel ġewwa. Inti jekk jiġi xi ħadd id-dar jieqaf sal-indana ta' barra hu, fis-salott, mhux jidħol fil-kċina hu, jekk mhux il-kċina ħdejn il-bieb. Tajjeb? U l-uffiċċju tas-segretarja dan jaqaw kulħadd dieħel u ħiereġ hemm! Għax is-segretarja għandha tagħlaq il-bieb! Mhux tħallih miftuħ.*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*L-uffiċċju tagħna huwa żgħir, hemm l-iskrivanija tiegħi u l-iskrivanija tas-segretarja biss fih.*

<u>*Il-Qorti*</u>*:*

*Sewwa. Allura intimidat għax ġew tnejn minn nies!*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Baqa' dieħel, kien donnu bin-nervi u bżajt.*

<u>*Il-Qorti*</u>*:*

*Imma heddek jew hekk, ħassejtek intimidat?!*

*Ix-xhud*:

*Ħassejtni intimidat bil-mod kif daħal.*

*Il-Qorti*:

*Mela kif daħal dan?*

*Ix-xhud*:

*Bin-nervi.*

*Il-Qorti*:

*U bin-nervi kif?*

*Ix-xhud*:

*Fis-sens baqa' dieħel, kien jaf fejn hu l-kompjuter.*

*Il-Qorti*:

*Jiġifieri b'hekk ħassejtek intimidat.*

*Ix-xhud*:

*Iva.*

*Il-Qorti*:

*Iktar?*

*Avukat Dottor Jean Paul Grech*:

*Issa, u x'ġara mbagħad?*

*Ix-xhud*:

*Imbagħad ħa l-kompjuter 'il barra, reġa' daħal u mbagħad beda jaqla' tiegħi.*

*Il-Qorti*:

*Dak messek keċċejtu 'l barra għidtlu, "stenna ħa nċempel lis-sindku u s-segretarja qabel tidħolli hawn ġew!" hekk! U jekk jagħmel move, mhux xħin jieħu l-affarijiet kellkom iċċemplu lill-pulizija; dak il-ħin xħin ġie jekk ħassejtek intimidat, li ma kienx hemm b'li għidt int li tkun intimidat.*

*Avukat Dottor Jean Paul Grech:*

*Issa, imbagħad dan x'ġara? Mela, ħa l-kompjuter tas-segretarja. Imbagħad?*

*Ix-xhud:*

*Imbagħad ġie biex jieħu tiegħi.*

*Il-Qorti:*

*Jiġifieri inti lanqas pruvajt tgħidlu, "Tieħu xejn. Stenna ħa nċempel lis-sindku."*

*Ix-xhud:*

*Jiena dak il-ħin kont maħsud.*

*Avukat Dottor Jean Paul Grech:*

*Imbagħad x'ħa iktar?*

*Ix-xhud:*

*Imbagħad, qala' l-external hard drive ukoll li kien hemm mal-kompjuter tas-segretarja, imbagħad –*

*Avukat Dottor Jean Paul Grech:*

*U x'għamel biha din?*

*Ix-xhud:*

*Ħadha fil-vann tiegħu.*

*Avukat Dottor Jean Paul Grech:*

*U x'ħa iktar?*

*Ix-xhud:*

*Imbagħad ġie u qala' l-kompjuter tiegħi, it-tower insomma.*

*Avukat Dottor Jean Paul Grech:*

*U x'għamel bih?*

*Ix-xhud:*

*U ħadu fil-vann tax-xogħol.*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*

*U x'qallek dan hu u jagħmel dawn l-affarijiet?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Jiena għidtlu tipo "għaliex?" Qalli with regards għall-kompjuter tiegħi, kont naf li kien hemm xi xogħol sar fih u dan kien imħallas. Hu qalli ma kienx ċert tħallasx tagħhom, ta' dan il-kompjuter.*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*

*U l-kompjuter ta' min?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Tiegħi, li hu assenjat lili, għax lanqas hu tiegħi.*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*

*Imbagħad qala' l-kompjuter u telaq 'il barra.*

Ix-xhud **<u>Heidi Grech</u>** (a fol. 43 et seq.) Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Fontana xehdet:

*Mela fl-erbgħa (4) ta' Mejju kellna l-laqgħa tal-Kunsill fejn dakinhar kien ġie s-Sindku u nfurmana fil-laqgħa li ġie avviċinat minn ċertu wieħed Jimmy Saliba li qallu li jixtieq li jitħallas tal-kontijiet li kellu pendenti. Jien ovvjament, jien ilni hemmhekk il-Kunsill minn Jannar ta' din is-sena jiġifieri ċertu affarijiet li kien hemm qabel kont għadni ma kontx naf bihom. Fil-laqgħa s-Sindku spjega li dan kien hemm kont pendenti li kien*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech:</u>*

*Kont ta' xhiex kien eżatt?*

*<u>Xhud:</u>*

*Il-kiont kien li kien sewwa xi kompjuter, kompjuter li kiont qed nuża jien fil-verità, dan għax kienet talbitu l-ex segretarja li kien hemm qabli. Dakinhar fil-laqgħa tal-Kunsill qbilna li għandna nsibu l-kontijiet, peress li s-Sindku kien qajjimha fil-laqgħa għax kien ġie avviċinat minn Jimmy Saliba, li nsibu l-kontijiet sabiex nitkellmu ma' Saliba fuq dawn il-kontijiet. Jien fil-fatt hekk għamilt, fittixt il-kontijiet u sibthom u fl-għaxra (10) ta' Mejju kont ċempilt lil Jimmy Saliba. U ċempiltlu u għidtlu "Isma' ..." għax l-invoice as such kienet invoice li kienet turi l-aqmmont totali, l-ammont kien ta' xi four hundred twenty (420) mingħalija, qegħdha hawnhekk. U ċempiltlu u għidtlu "Tistax tagħtini breakdown tal-ispejjeż ħalli jien nkun naf as such il-four hundred twenty (420) x'sewwejt, għax jien  ma kontx hemm dakinhar, jien ma kontx involuta." U ovvjament bagħtli lura l-invoice li kienet breakdown. Issa sadanitant kellna l-laqgħa tal-Kunsill tax-xahar ta\ wara, fit-tmienja (8) ta' Ġunju, u fit-tmineja (8) ta' Ġunju fil-laqgħa li kien imiss il-Kunsill, ovvjament jien ippreżentjat l-invoice li kien tani Jimmy Saliba u dakinhar il-Kunsill qabel li minħabba li din it-tiswija ma saritx bl-awtorizzazzjoni tal-Kunsill, għax tajjeb wieħed jgħid illi fil-Kunsill dawn huma l-liġijiet tal-Kunsill, ma tistax, mhux billi tkun is-Segretarja Eżekuttiva ma tistax taqbad u tieħu l-liġijiet b'idejk u taqbad u tordna l-affarijiet. L-affarijiet iridu jgħaddu mill-laqgħat tal-kunsill u jridu jiġu approvati fil-laqgħat tal-Kunsill. Issa jidher ċar anke fil-minuti li jien sibt tal-laqgħat li saru jiġifieri mhux fi żmieni, fil-laqgħa li kienet saret kien hemm segretarju ieħor, kien Ivan Attard, li kien id-Deputat Segretarja*

*sakemm dħalt jien, li dakinhar ukoll kien issemma' li dan ix-xogħol sar mingħajr approvazzjoni tal-Kunsill, u allura minħabba li dan ma sarx bl-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Kunsill kien qabel li dan ma jitħallasx. Però.... jiġifieri qablu li ma jitħallasx il-kont però qablu wkoll li dan għandu jieħu l-parts lura, għax dan tana l-parts.*

*Avukat Dottor Jean Paul Grech:*

*Il-parts ta' xhiex?*

*Xhud:*

*Il-parts tal-kompjuter. Għax hu fil-verità meta kien tkellem mas-Sindku kien qallu "almenu nitħallas tal-parts." Issa aħna bħala Kunsill ovvjament jekk dan għamel l-affarijiet, jekk dan tana l-parts, il-parts huma... ma tħallasx tal-parts, però l-verità hija li dan ma sarx bl-approvazzjoni tal-Kunsill din it-tiswija. It-tiswija ġiet tammmonta ammont konsiderevoli, ma aħniex qed ngħidu għaxar ewro (€10), allura b'dak l-ammont kien jinxtara kompjuter ġdid. Li kieku ġiet diskussa fil-Kunsill ovvjament il-Kunsill ma kienx se japprova somma bħal dik għal tiswija. Issa jekk din telgħet dan l-ammont ta' somma l-Kunsill qabel, irrespective tal-ammont, qabel din ma saritx bl-approval mhux skont il-policies tal-Kunsill. La ma saritx skont il-policies tal-Kunsill jekk awtorizzata s-segretarja hi responsabbli personali għax hi ħadet id-deċiżjoni.*

*[…]*

*U fl-għaxra (10) ta' Lulju ċempilli l-iskrivan u qalli "Isma', ġie Jimmy Saliba u ħadilna l-kompjuters." Qalli "Għadu kif daħal u*

*ħadilna l-kompjuters". U jien għidtlu "Ħadilna l-kompjuters kif?!" Qalli "Daħal hawn ġew u ħa l-kompjuters u qalli għax ġie jiġbor ħwejġu" u jiena ifhimini ma kontx qegħda hemm. Għidtlu "Erħi minn idejk u mur għamel rapport l-għassa l-ewwel ħaġa." U ovvjament mar jagħmel rapport l-għassa u minn hemm bdew l-affarijiet. Jien l-iktar ħaġa li wkoll inkwetatni... il-fatt hu li dan ma ħax il-kompjuter tiegħi biss, li huwa l-kompjuter li kellu l-ħsara fuqha, dan ħa l-kompjuter tal-iskrivan ukoll u ħa anke l-external hard drive. Jiġifieri jien –*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech:</u>*

*X'relazzjoni kellu ma' dawn il-kompjuters, mal-external hard drive u l-kompjuter l-ieħor?*

*<u>Xhud:</u>*

*L-external hard drive u l-kompjuter l-ieħor*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech:</u>*

*Le, Jimmy Saliba x'relazzjoni kellu ma' dawn?*

*<u>Xhud:</u>*

*Il-kompjuter tal-iskrivan ma naħsibx li kien inxtara mingħandu għax kien ilu hemmhekk. Naħseb li kien għamillu tiswija. Fil-fatt hemm anke kopja tal-irċevuta tat-tiswija.*

*[,,,]*

*<u>Xhud:</u>*

*Issa, il-fatt li ħa l-kompjuter tal-iskrivan u mhux tiegħi biss, kienet diġà biżżejjed li nkwetatni għaliex bħalma qed ngħidilkom*

*jien ma kienx żmieni, jiġifieri jien qed nitkellem ta' xi ħaġa li ma kontx hemm jien.*

*[,,,]*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech:</u>*

*Issa li xtaqtek tispjega mela l-parts li qed tgħidilna li intom awtorizzajtuh jieħu lura*

*<u>Xhud:</u>*

*Le, aħna ma awtorizzajniehx jieħu parts lura. Aħna ġiet diskussa fil-laqgħa li ddeċiedejna bħala Kunsill li għanda nagħtuh il-parts lura. Issa jien kont għadni ma kkomunikajtx miegħu biex ngħidlu biex jiġi jieħu l-parts lura. Ir-raġuni kienet li jien ma stajtx naqbad u niġi ngħidlu żarma l-kompjuter u ħu l-parts. Jien ridt ovvjament nieħu l-precautions li rrid nieħu jien bħala Kunsill l-ewwel li nixtru kompjuter ieħor, jekk se nixtru kompjuter ieħor, nikkuppjaw id-data, naraw li ma hemm xejn fuqha u mbagħad ngħidlu "Ejja u ħu l-parts" jiġifieri,*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech:</u>*

*Jiġifieri ma kontux għadkom wasaltu għal dak l-istadju.*

*<u>Xhud:</u>*

*Le.*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech:</u>*

*Issa riżultat ta' dan l-inċident ix-xogħol tal-Kunsill kif ġie affettwat?*

*<u>Xhud:</u>*

*Riżultat ta' dan nista' ngħid li għamilna tlett (3) ġimgħat jekk mhux erbgħa (4), naħseb li anke erba' (4) ġimgħat mingħajr internet għar-raġuni għaliex xħin ħadulna l-kompjuter spiċċajna xħin ġibna l-kompjuter il-ġdid ma stajniex bl-ebda mod nagħmlu communication għax kien hemm problemi anke minn naħa ta' Malta illi biex jiġi installat fuq il-kompjuter il-ġdid, għax riedu jiġu minn naħa tad-dipartiment, aħna ma aħniex mal-MITA, jiġifieri kien hemm problemi. Konna qegħdin naqbdu bil-wi fi li l-ħin kollu jaqa'. Barra li kien hemm ħafna informazzjoni fuq il-kompjuter li ovvjament jien ma kellix aċċess għaliha, tlift ċertu data. Jien kont qed inserraħ fuq l-external hard drive għax kien mingħalija li għandi l-external hard drive għad-data u ħadilna anke l-external hard drive. Għax kieku ħallielna l-external hard drive stajt nikkoppja, almenu kien jibqagħli kollox. Ma kelli xejn. Jiġifieri jien ovvjament ridt naħdem, nipprova nċempel 'il hawn u 'il hemm fejn għandi bżonn xi email jew xi ittra li setgħet dak li jkun għandu kopja u jibagħtli kopja tagħha. Jiġifieri it was quite difficult biex naħdmu l-ewwel xahar, xahar u nofs, definitely, għax ma stajniex ikollna l-informazzjoni kollha at hand.*

***Kontro eżami:***

*<u>Avukat Dottor Renata Formosa:</u>*

*Issa, inti semmejt lis-segretarju. Għidt li s-sinjur għamel ix-xogħol mhux bl-approvazzjoni tal-Kunsill,*

*<u>Xhud:</u>*

*Iva.*

*Avukat Dottor Renata Formosa:*

*Mela bl-approvazzjoni ta' min sar dan ix-xogħol?*

*Xhud:*

*Tas-segretarja li kien hemm qabli.*

*Avukat Dottor Renata Formosa:*

*Min? Tagħtina l-isem?*

*Xhud:*

*Odette Camilleri.*

*Avukat Dottor Renata Formosa:*

*Issa ngħid sewwa li intom bħala Kunsill, bħala segretarji, awtorizzati li tagħmlu li tagħtu ċertu xogħol sa ċertu ammont mingħajr approvazzjoni?*

*Xhud:*

*Ma naħsibx li qed tgħid sewwa għax jiddependi. Jiddependi l-ammont li qed tgħid.*

*Avukat Dottor Renata Formosa:*

*Id-direct order. Meta nsemmu direct order, xi tfisser għalik?*

*Xhud:*

*Direct order tista' tixtri sa ħames mitt lira Maltin (Lm500), però ovvjament ma tistgħax inti bħala segretarja taqbad u todnah inti. Żgur li le.*

*Avukat Dottor Renata Formosa:*

*Inti qed tgħid li trid l-approvazzjoni tal-Kunsill.*

*Xhud:*

*Iva. Eżattament. Trid tgħaddih fil-laqgħa tal-Kunsill.*

Ix-xhud **Heidi Grech**[8] riprodotta qrat mill-minuti, li esebiet dwar il-kwistjoni tal-pagament pendenti:

> *"Is-Sindku Saviour Borg ġibed l-attenzjoni li fiċ-ċedola ta' pagamenti li tressqet għall-approvazzjoni tal-kunsill jissemma' xogħol li sar matul ix-xhur ta' Frar u Marzu li ma sarx bl-approvazzjoni tal-kunsill. Hu qal li l-ex segretarja tal-kunsill ma kinitx korretta meta awtorizzat li jsir xogħol fl-uffiċċju tal-kunsill mingħajr ma ġabet l-approvazzjoni minn qabel tal-kunsilliera. Minħabba f'hekk kien hemm qbil unanimu li l-pagamenti ta' Jimmy Saliba relatati ma' upgrading ta' kompjuter fl-uffiċċju tal-kunsill li sewa erba' mija u ħamsin (450) ma jiġux approvati. B'din l-ispiża kien jinxtara kompjuter ġdid."*

Ix-xhud **Odette Camilleri**[9] l-ex Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Fontana spjegat:

> *Spettur Bernard Charles Spiteri:*
> *Ara, inti kellek fil-passat x'taqsam mal-Kunsill tal-Fontana, kont impjegata hemmhekk?*
> *Ix-xhud:*
> *Kont segretarja.*
> *Spettur Bernard Charles Spiteri:*
> *Tista' tgħidilna ż-żmien meta kien?*
> *Ix-xhud:*

[8] Seduta tat-13 ta' Frar 2018
[9] a fol. 127et seq.

*Naħseb sentejn domt, issa ma; tlaqt f'Marzu, two thousand and sixteen (2016).*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*Issa, kemm domt hemmhekk kellek xi ħaġa mal-imputat inti? Kont tafu lill-imputat?*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Qabbadtu, kont ċempiltlu għax kienet marret il-motherboard u kien ġej żmien li nagħmel l-audits, isiru l-audits, u ridt nuża s-Sage u hekk u kien il-kompjuter marritlu l-motherboard u fil-fatt kont ċempilt lis-sindku biex ngħidlu x'ġara u qalli ara xi spiża hi. Għidtlu x'kienet l-ispiża għax kien qalli Jimmy kien qalli kemm hi l-ispiża, għidt lis-sindku u qalli, "eqq, nirranġaw għax dak is-segretarja ta' qablek xtratu, m'ilux ħafna għandna." Dik kienet l-istorja.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*Issa, imbagħad x'ġara fuq dan kien? Kien għamlu x-xogħol dan?*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Iva mela! Kellna xorti ma tlifniex jiġifieri l-accounts kollu tal-kunsill għax ma kellniex backup ieħor.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*U spejjeż taf kemm kien hemm jekk jogħġbok?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Xi ħaġa fuq il-four hundred (> 400)? Ma niftakarx eżatt.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*U x'ġara fuqhom dawn? Tħallsu, ma tħallsux?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ma nafx x'ġara għax imbagħad jien tlaqt.*

*<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u>:*

*Sa fejn taf inti.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Sa fejn naf jiena kien għadu ma tħallasx le meta kien hemm jien.*

*<u>Il-Qorti:</u>*

*Jiġifieri inti, ix-xogħol tat-tiswija sar ix-xogħol.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Iva. Iva, mela, u ma dewwimniex kien, la naf jumejn. Għax is-sindku ma kienx ried li jinxtara ieħor għax ma kienx ilu li nxtara l-kompjuter.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Jiġifieri inti infurmajt lis-sindku li kien hemm –*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Iva, by telephone għax email ma jarahomx.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Tajjeb. Jiġifieri inti sakemm kont hemm int ma kienx hemm kwistjoni biex ma jsirx il-ħlas.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Anzi!, jien tkellemt mas-sindku għax by telephone, ma stajtx nibagħtlu email għax ma jarax emails. U qalli, qalli, "dan urġenti, agħmlu," jiġifieri.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Iva, imma wara li sar ix-xogħol, kien hemm xi kwistjoni biex ma jitħallasx?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, sakemm kien hemm jiena le. Sa Marzu le, sa Marzu –*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Jiġifieri ma kienx hemm kwistjoni biex ma jitħallasx.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, le.*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*

*Taf imma għalfejn ma sarx il-ħlas?*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*Ma kontx hemm. Ma nistax insir naf.*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*

*Mela, ħa nurik waħda dokument AGX1 u dokument AGX2, ara waħda jekk dawn id-dokumenti sarux fi żmienek jew le.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Il-firma mhix tiegħi tas-segretarju, le, mhux fi żmieni.*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech:</u>*

*U dokument AGX2?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ma nafx ta' liema minuti, la hawn firma, jiġifieri ma nistax; jiena dejjem inizjajthom, jiġifieri aktarx mhix tiegħi.*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*

*Ok.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*B'riferenza, hi saret riferenza għall-persuna, imbagħad hi spjegat x'kien, li awtorizzat ix-xogħol wara li kellha l-go-ahead tas-sindku.*

*<u>Ix-xhud:</u>*

*U ma kienx jaqbeż it-trench.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Kemm kienet?*

Ix-xhud:

*1165 biex tiġbor quotation; imbagħad xħin taqbel il-five thousand (5,000) tiġbor it-tender jiġifieri. Jiġifieri stajt nagħmilha.*

***Kontro eżami:***

Avukat Dottsa. Renata Formosa:

*U inti, biex inkunu ċari, ħadt il-permess mingħand is-sindku.*

Ix-xhud:

*Iva, għax is-sindku jiġifieri l-kompjuter ma jafx jużah, allura bilfors irrid inċempillu. Hu ma jkollu xejn bil-miktub.*

Avukat Dottsa. Renata Formosa:

*U l-proċedura dejjem hekk kienet, li iċċempillu –*

Ix-xhud:

*Dejjem hekk kienet, iva, inċempillu, iva.*

Avukat Dottsa. Renata Formosa:

*U r-raġuni għaliex Jimmy ma tħallasx, inti ma tafx.*

Ix-xhud:

*Le, ma nafx għax imbagħad ma kienx fi żmieni, jiġifieri mhux lil Jimmy biss, anke lili jiġifieri ċaħħduni mill-pagamenti tiegħi. Jiġifieri hija tattika tal-kunsill.*

Avukat Dottsa. Renata Formosa:

*Inti kellek xi tgħid forsi mas-sindku u mal-kunsill?*

Ix-xhud:

*Jiena, is-sindku tax-xogħlijiet li qabbadt jien u qal li ma kienx jafhom ma tħallastx tagħhom, naqqashomli, anke tal-parir tal-*

*avukat naqqashomli ukoll milli kellu jtini. Jiġifieri hija tattika tal-kunsill; normali dik!*

*Il-Qorti:*

*Jiġifieri inti ma ktibtx lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali jew il-Bord tal-Governanza?*

*Ix-xhud:*

*Le, ma ktibtx għax tant meta kont hemmhekk kont għaddejja minn żmien ħażin, spiċċajt b'dipressjoni, bl-aġir tas-sindku u ċertu kunsilliera li ma flaħtx iktar għall-affarijiet jiġifieri għidt aħjar nitlef il-flus milli nimrad, inkompli nimrad.*

*Avukat Dottsa. Renata Formosa:*

*Jiġifieri fejn kien hemm x'taqsam inti kien hemm il-problemi biex niftehmu.*

*Ix-xhud:*

*Iva ukoll, iva. U anke tas-segretarja ta' qabli kien hemm il-problemi, ma ridux iħallsuha jiġifieri. Jiġifieri normali. Fhtimt?*

L-**Ispettur Timothy Zammit**[10] xehed li:

*Fit-tnax (12) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) il-pulizija ta' Għawdex kienet għaddiet lis-Cyber Crime Unit żewġ computers kif ukoll external harddisk drive u kienu talbu l-assistenza tas-Cyber Crime Unit sabiex issir analiżi fuq dan l-apparat sabiex jiġi stabbilit x'attività kienet saret permezz ta' dawn il-computers u fuq l-external harddisk inkwistjoni fil-jum tal-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017). L-*

[10] Seduta tat-13 ta' Frar 2018 a fol. 80 et seq.

*analiżi għamiltha jien stess u minn din l-analiżi jirriżulta illi l-ewwel kompjuter u ċioé kompjuter immarkat bħala PC1 ġie użat tlett (3) darbiet fl-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017), l-ewwel darba kienet bejn is-sebgħa u nofs u ħamsa ta' filgħodu u t-tmienja u nofs ta' filgħodu (7.35 – 8.30 a.m.) fejn f'dak il-mument kienu ġew aċċessati diversi files, però l-maġġoranza tal-attività kienet attività marbuta ma' websites tal-internet għaliex il-maġġoranza tal-attività kienet fil-fatt fuq Google Chrome. Iktar tard fl-istess ġurnata jidher li kien hemm attività oħra fuq l-istess kompjuter bejn l-għaxra neqsin għaxra ta' filgħodu u l-għaxra u għaxra ta' filgħodu (9.50 – 10.10 a.m.) fejn jidher li ġew aċċessati total ta' mitejn u sitt (206) files u folders illi kien hemm fuq dan il-kompjuter inkwistjoni u l-maġġoranza ta' dawn il-files kienu jinstabu ġo żewġ folders partikolari, ċioé folder jismu "Fontana" li kienet fil-user directory ta' dan il-kompjuter, kif ukoll folder jismu "backup".*

*Kien innutat waqt l-analiżi li l-files u l-folders li ġew aċċessati matul dan il-perjodu ċioé bejn l-għaxra neqsin għaxra ta' filgħodu u l-għaxra u għaxra ta' filgħodu (9.50 – 10.10 a.m.) kienu kollha deleted. Fil-fatt jidher li matul dan il-perjodu dawn il-files li ġew aċċessati kienu ġew deleted.*

*Iktar tard matul l-istess ġurnata ċioé fl-għaxra (10) ta' Lulju tal-elfejn u sbatax (2017) il-kompjuter jidher illi reġa' ġie użat mill-ġdid bejn is-siegħa neqsin għoxrin ta' waranofsinhar u s-siegħa neqsin kwart (12.40 – 12.45 p.m.) għal perjodu ta' madwar*

*tmien (8) minuti u matul dan il-perjodu ġew aċċessati iktar minn tmint elef u sitt mitt (>8,600) file. Fl-analiżi li għamilt tad-dati indikati fuq dawn il-files jidher illi l-"file created date" ta' dawn il-files hija simili ħafna għal "last accessed" u allura l-indikazzjoni hi illi dawn il-files kienu ġew ikkuppjati minn x'imkien ieħor għal fuq il-kompjuter f'dak il-ħin jiġi bejn is-siegħa neqsin għoxrin ta' waranofsinhar u s-siegħa neqsin kwart (12.40 – 12.45 p.m.).*

*Rigward il-kompjuter l-ieħor il-kompjuter tower jismu Cooler Master illi kien immarkat bħala PC02 fl-analiżi tagħna jidher li dan ġie użat darbtejn fl-għaxra (10) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017), l-ewwel darba kienet bejn l-għaxra u kwart u l-għaxra u nofs neqsin ħamsa (10.15 – 10.25) u matul dan il-perjodu jidher li ġew aċċessati ftit iktar minn tlett mitt (>300) file u folder. Il-maġġoranza ta' dawn il-files actually kienu kollha kienu jinsabu fil-folder jismu "backup Fontana LC". Għal darba oħra jidher illi l-files illi kienu aċċessati matul dan il-perjodu kienu ġew deleted għaliex fil-fatt il-"last accessed" u l-files kienu jidhru li ġew deleted f'dan il-perjodu.*

*L-istess kompjuter ċioé PC02 kien reġa' ġie użat iktar tard matul il-ġurnata bejn nofsinhar u għaxra u s-siegħa neqsin ħamsa ta' filgħodu (12.10 – 12.55 p.m.). matul dan il-perjodu kien hemm ftit iktar minn ħamsin (>50) file, kien hemm tlieta u ħamsin (53) file illi kienu ġew aċċessati matul dan il-perjodu però l-files kienu kollha system files jiġifieri files abbinati mas-sistema tal-*

*Windows. Dan jidher illi l-kompjuter jew ġie mixgħul u ġie updated, però ma jidhirx li kien hemm attività fuq il-files inkwistjoni.*

*Rigward l-external harddisk, l-analiżi li għamilt fuqha jidher li din l-aħħar li kienet ġiet użata kienet fis-sebgħa (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) u allura ma kontx għamilt proċessi ulterjuri fuqha peress illi l-investigatur kien jinteressah fuq l-attività li kienet saret fl-għaxra (10) ta' Lulju tal-elfejn u sbatax (2017).*

L-imputat **Jimmy Paul Saliba** (a fol. 160 et seq.) xehed fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2018:

*Mela fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar elfejn u sittax (2016) nirċievi telefonata avżatni illi hija Odette Camilleri bħala segretarja eżekuttiva mill-kunsill lokali tat-Triq tal-Għajn (Fontana), qaltli, "agħmilli pjaċir, waqafli l-kompjuter tal-kunsill; tiġi tarali x'fih?" Kienu xi l-għaxra ta' filgħodu (~ 10.00 a.m.), niftakar kont qed nagħmel biċċa xogħol oħra, erħejt milli kont qed nagħmel u mort nara, għidt forsi xi ħaġa ta' m'hi xejn. Mort nara, iċċekkjajt il-basics, connections, u xorta dan il-monitor baqa' ma xegħelx, il-kompjuter. Għidtilha dan ħa jkolli niċċekkjah il-workshop. Ħadtu l-workshop, iċċekkjajtu – ovvjament hi l-ħin kollu iċċempilli, "f'hiex wasalna? F'hiex wasalna?" Bdiet tavżani li d-dokumenti li kellha fil-kompjuter ta' snin sħaħ tal-kunsill ma kelliex backup tagħhom, u kienet tinstema' daqsxejn allarmanti l-biċċa. Domt sa tard billejl sa*

*xħin serraħtilha moħħha li d-dokumenti kienu għadhom hemm fil-kompjuter. Qaltli, "orrajt, mela issa ara xi spejjeż hemm ħa nħallsuk." Għidtilha, "le, aħna naħdmu mhux hekk. Bħalma naħdem ma' ħaddieħor ħa naħdem magħkom, qatt ma ħdimt il-kunsill tat-Triq tal-Għajn," għidtilha, "dan għandu bżonn main board il-kompjuter; id-dokumenti għadhom ġol-harddrive; trid tinbidel il-mainboard." Qaltli, "agħmilha." Għidtilha, "issa ntik quotation." Filgħodu ċempilt għand l-aġent Malta u tlabtu din il-motherboard speċifika. Qalli, "dik obsolete." Bħalma jiġu kważi bħalu qabel ... insibu waħda li hija compatable ma' dak is-CPU u r-RAM, peress li kienet ftit antika ma sibniex. Ippruvajt insibilha waħda refurbished, replacement tagħha; b'dak is-socket tas-CPU lanqas sibna. Prattikament kien se jibqa' ċ-chassis biss tal-kompjuter minn ġewwa; ried jinbidel is-CPU, ir-RAM, il-motherboard, etc, etc, etc. Avżajtha, għidtilha hekk u hekk m'hu, għidtilha, "ħa ntik tlett quotations, trid tagħmel upgrade kompletament."*

<u>*Avukat Dottsa. Renata Formosa*</u>*:*

*U wara tlett quotations x'ġara?*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Tajtha tlett quotations, għażlet waħda daqsxejn avvanzata, qaltli, "għax dan il-kompjuter nużah jien" qaltli, "u rridu jkun sewwa għax-xogħol tiegħi." Għidtilha nifhimha, fl-uffiċini hekk jagħmlu, ma jmorrux għall-irħas, imorru għal wieħed daqsxejn f'saħħtu. U mxejna minn hemm. Għamiltulha, ħadtulha, għadda ż-żmien u wara xi tmien (~ 8) xhur ma smajt xejn mingħandhom – eh! imbagħad xħin ħadtulha għidtilha, "isma',*

*mhux biex ngħallem lilek," għax jiena mhux ħa ngħallem lilha fl-affarijiet tal-kunsill, għidtilha, "imma fl-affarijiet tekniċi hawn problema anke ġod-djar, niltaqgħu magħha l-ħin kollu fuq mobiles, etc, li xħin jiġrilhom il-ħsara ma jkollhomx backup. Għidtilha, "biex ma terġax tiġrilek din il-ħaġa, intik parir, mhux ħa ngħidlek tella' cloud server għax forsi m'għandikx dik id-domanda u tidħol f'dawk l-ispejjeż kollha jew xi ħaġa oħra," għidtilha, "imma imqar ikollok external hard drive." Qaltli, "m'għandix." Kemm tagħmel backup, at least once a week jew hekk, mhux ma kellha xejn; kienet ippanikjata immens dakinhar, niftakarha.*

<u>Avukat Dottsa. Renata Formosa</u>:

*U x'ġara fuq din l-external hard drive?*

<u>Ix-xhud</u>:

*Qaltli, "mela ġibli external hard drive." Għidtilha, "hemm tal-one terabyte, tat-two terabyte, three terabyte," għażlet il-kbir, tat-three terabyte, kien jiswa xi hundred thirty-five (~ 135) waħdu. Jiena għidt forsi għandhom bżonn. Orrajt. Tajtulha ukoll, issettajtulha, issettjajtilha l-printers, etc, etc.*

<u>Avukat Dottsa. Renata Formosa</u>:

*U wara tmien xhur x'ġara?*

<u>Ix-xhud</u>:

*Wara tmien xhur ċempiltilha, għidtilha, "Odette, għandna din l-invoice pendenti." Qaltli, "Jien m'għadnix naħdem hemm ta. Mhux lili trid issaqsi." Qaltli, "staqsi waħda lis-segretarju tax-Xagħra," qaltli, "għax hu qed imur part time." Ċempilt lis-segretarju tax-Xagħra, qalli, "hemmhekk aħjar tkellem lis-sindku*

*ta għax hemmhekk problema." Għidtlu, "jien is-sindku ma nafux." Tani l-mobile number tiegħu, ċempilt lis-sindku bl-edukazzjoni kollha, għidtlu jiena t-tali, għidtlu, "għandi dik l-invoice pendenti." Għidtlu, "hemm xi problema?" Qalli, "Iva! Hemmhekk mhux ħa nħallsuk!" Bumm! U qatagħli t-telephone.*

<u>*Avukat Dottsa. Renata Formosa*</u>*:*

*X'ġara sussegwentement? Qatgħlek.*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Eħe. Bqajt sejjer fejn l-avukat tiegħi, Renata, għidtilha hekk hekk u hekk. Qaltli nibagħtulu bil-miktub. Bagħtnielu bil-miktub u fi żmien jumejn bagħtilna bl-avukat tiegħu li mhux ħa jħallasna.*

<u>*Il-Qorti*</u>*:*

*Eħe. X'ġara mbagħad?*

<u>*Avukat Dottsa. Renata Formosa*</u>*:*

*Imbagħad sussegwentement wara li bagħtna l-ittri legali, x'ġara? Sirt taf, erġajt iltqajt miegħu x'imkien?*

<u>*Avukat Dottsa. Renata Formosa*</u>*:*

*Spjegalna fejn iltqajt miegħu. U x'diskors intqal.*

<u>*Ix-xhud*</u>*:*

*Imbagħad ħiereġ m'għand klijent darba s-Sibt kienu tard filgħaxija, kienu xi s-sebgħa ta' billejl (~ 7.00 p.m.), niftakar xħin ċempilli l-klijent lanqas kelli aptit immurlu, is-Sibt fis-sebgħa ta' filgħaxija! Imma għidt, "ħa nħallih mingħajr logħba football lil dan!" għidt ħa mmurlu. U qisu l-Bambin ried lil dan is-sindku ma nafux minn Adam u Eva jien, u kif ħiereġ mingħand dan il-bieb tal-klijent, qisu ftit metri 'l isfel, quddiem il-knisja tat-Triq tal-Għajn, nara raġel jixgħel xemgħa quddiem*

*in-niċċa. Għidt dan naħseb li hu jien. Għidtlu, "Is-Sur sindku?" U rajtu inħasad. Qalli iva. Jgħidlek, "dan irid xi bankina llejla fis-sebgħa ta' filgħaxija!" Għidtlu, "ħa ngħidlek, qabel nixgħelu x-xemgħa mhux aħjar nirranġaw mal-proxxmu!" Qalli, "m'inhix nifhmek ta." Għidtlu, "għandek raġun ma tifhimnix!" Għidtlu, "għax jien ma nafikx u int ma tafnix," għidtlu, "imma jien it-tali," għidtlu, "issa tifhimni." Qalli, "iva, għax hemmhekk dak ix-xogħol m'ordnajtux jien." Hekk qalli. Għidtlu, "Allura erba' mitt ewro (€400) minn ġo ħalq it-tfal! Dawk ridt nixtri l-materjal!" Qalli, "għax rajnihom għoljin." Għidtlu, "ara int raġel u jien ieħor, mur ġib stima* ***minn fejn trid int****, jekk insibuha irħas, ħamsin ewro irħas, mitt euro irħas," – li ma naħsibx li kien ħa jsibha – għidtlu, "nimxu fuqha." Għidtlu, "daqshekk hu!" U niftakar għidtlu, "se mai ħaġa kbira għax nieħu l-parts lura?!" jekk ma kienx kuntent. Qalli, "għadnek punt ta." Qalli, "inressaqha l-kunsill." Iltqajt darba oħra miegħu jew ċempiltlu, ċempiltlu, qalli, "hemmhekk kont imħabbat, mietet ommi," qalli, "irrid nerġa' nressaqha." Għidt orrajt. Darba minnhom niltaqa' miegħu Taħt Putirjal, mort nixtri żewġ pastizzi, u kien hemmhekk quddiem l-APS. Għidtlu, "hemmhekk kif bqajna?" Qalli, "hemmhekk inqatgħet ta." U jien għidt, "inqatgħet!?" għidt "kif la għajtuli biex jaraw li sabuha irħas jew ħaġa jew oħra. Qalli, "hemmhekk ħa ntuk l-affarijiet lura." Il-Ustra! Ħa jtuni l-affarijiet lura wara sentejn jew sena u nofs – illum sentejn – jużahom hemmhekk ġol-uffiċċju jlaqqtu minn filgħodu sa filgħaxija! Fejn se mmur bihom użati jien! Għidt anyway, id-deċiżjoni ttieħdet. La ħa jtuni l-affarijiet lura, ħa*

*jtuni l-affarijiet lura. Mort niċċekkja l-minuti online, sibt li veru hekk kien, fuq il-minuti tal-kunsill, għaddew xi erba' ġimgħat minn mindu saret il-laqgħa għadhom ma kellmunix, u mort ħadt ħwejjġi mill-kunsill.*

*Avukat Dottsa. Renata Formosa:*

*Hu qallek xi ħaġa, is-sindku? Tistax tmur toħodhom?*

*Ix-xhud:*

*Iva mela, qalli, "dawk tista' toħodhom." Qalli, "dawk ħa ntuhomlok lura."*

*Avukat Dottsa. Renata Formosa:*

*Issa, dwar ix-xhieda li smajt s'issa, tal-computers minħabba xi data, tispjega x'kienet l-intenzjoni tiegħek?*

*Ix-xhud:*

*Ifhimni, jiena l-intenzjoni tiegħi kienet li peress li jiena ħadt il-backup hard drive, assumejt li m'għandhomx copy oħra tad-data u peress li ħa nieħu l-backup external, li lanqas riedu jħallsuha, u l-kompjuter, għidt mela issa nagħmlilhom copy fuq DVDs jew xi ħaġa, li ma jiswewx daqshekk, u intihomlhom fuq DVD id-data, u jien nieħu l-materjal. Dik kienet l-istorja. Mhux ħa mmur naqbad nifformattjat id-data!*

***Kontro eżami:***

*Avukat Dottor Jean Paul Grech:*

*Jiġifieri, ara Sinjur, ħa nibdew mill-punt, jiġifieri inti tikkonferma illi meta kien qed isir il-kuntatt miegħek minħabba*

*dawn ix-xiri ta' apparat jew inkella tiswijiet fuq il-kompjuter, il-kuntatt tiegħek kien unikament ma' Odette Camilleri.*

Ix-xhud:

*Naqbel.*

Avukat Dottor Jean Paul Grech:

*U ma kien hemm l-ebda involviment, la tas-sindku, la ta' kunsilliera, f'dak l-istadju.*

Ix-xhud:

*Naqbel.*

Avukat Dottor Jean Paul Grech:

*Issa –*

Il-Qorti:

*L-amministrazzjoni min imexxiha Dottor Jean Paul, tal-kunsill?*

Avukat Dottor Jean Paul Grech:

*Is-segretarju b'awtorizazzjoni tal-kunsill.*

Avukat Dottor Jean Paul Grech:

*Issa, meta mbagħad inti mort biex tieħu l-affarijiet, sewwa? dħalt, naqblu li inti mort – avżajt lil xi ħadd li inti kont sejjer?*

Il-Qorti:

*Is-segretarju l-mutur tal-kunsill.*

Avukat Dottor Jean Paul Grech:

*Avżajt lil xi ħadd li kont sejjer tiġbor l-affarijiet?*

Ix-xhud:

*Le, jiena assumejt li s-sindku qalli, "mur ħudhom," xħin iltqajt miegħu Taħt Putirjal.*

Avukat Dottor Jean Paul Grech:

*Jiġifieri inti qomt darba filgħodu, għidt, "jien ħa mmur niġbor l-affarijiet mill-kunsill tat-Triq tal-Għajn," u għamilt hekk.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Wara sentejn! Dawn x'valur baqagħhom issa!*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*

*Le, qed insaqsik. Jiġifieri inti qomt filgħodu, għidt, "isma', jien ħa mmur niġbor l-affarijiet mill-kunsill." U mort.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Eżatt.*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*

*U qabel ma infurmajt lil ħadd.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Infurmajt lill-iskrivan li kien hemm hemmhekk.*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*

*Dak il-ħin stess imma.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Eħe, iva.*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*

*U l-iskrivan qallek, "ħudhom."?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*L-iskrivan lanqas tkellem.*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*

*U inti, ara ngħidx sew, li inti mhux sempliċement ħadt il-parts illi kont issupplixxejt – inti ħadt il-computers kollha tal-kunsill illi kien hemm.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Mhux żewġ computers!*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*

*U ħadthom it-tnejn.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Mela jien niftakar fuq liema ħdimna!*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*

*Jiġifieri inti għidt, kien hemm dawn il-computers, ma ftakartx fuq liema ħdimt u qabad u ħadt iż-żewġ computers.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Xi trid tagħmel!?*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*

*Mela inti mbagħad dawn tlajt bihom iż-Żebbuġ fejn għandek il-workshop.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Eżatt.*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*

*U naqblu inti dawn ftaħthom il-computers?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Biex nara liema l-motherboard tiegħi u etc.*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*

*U jiġifieri u għamilt ukoll, ippruvajt tieħu data minn fuqhom biex tikkopja data.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, le, mhux ippruvajt nieħu –*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*

*Mela, xħin għidtilna minħabba din tal-hard drive, x'ippruvajt tagħmel mela?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Ippruvajt nagħmel safeguard tad-data li hemm.*

*Il-Qorti:*

*Biex itihom lill-kunsill qal.*

*Ix-xhud:*

*Biex intihom lill-kunsill.*

*Avukat Dottor Jean Paul Grech:*

*Jiġifieri inti meta qbadt is-sistema tal-kompjuter li kien hemm biex terġa' tipprova tagħmel backup fuq xi ħaġa oħra?*

*Ix-xhud:*

*Eżatt.*

*Il-Qorti:*

*Fuq DVD qallek għax jiġu irħas.*

*Avukat Dottor Jean Paul Grech:*

*Jiġifieri inti qbadt dħalt fl-affarijiet tal-kunsill biex tagħmel backup fuq DVD u tgħaddihom lill-kunsill?*

*Ix-xhud:*

*X'choice kelli! Jew inkella nifformattja l-hard drive li ma jmurx dan jispiċċa għand xi klijent ieħor bl-informazzjoni ta' ħaddieħor! U intom tispiċċaw b'xejn!?*

*Avukat Dottor Jean Paul Grech:*

*U biex tagħmel din il-biċċa tax-xogħol biex ovvjament tagħmel il-backup, tlabt permess lil xi ħadd? Jew kienet inizjattiva tiegħek qbadt u għamiltha?*

*Ix-xhud:*

*Hija proċedura li għallmuna, ilna minn 1995 f'dan ix-xogħol aħna, il-proċedura teknika tagħna.*

*Il-Qorti:*

*Il-computers, barra l-motherboard, etc, imbagħad, l-iskeletru hawn, x'kien baqa', x'għamilt bihom dawk? Ħadthom lura l-kunsill?*

*Ix-xhud:*

*Imbagħad xħin ġie s-surġent konna għadna f'nofs proċess aħna, lanqas konna –*

*Il-Qorti:*

*Jiġifieri dawk ħaduhom lura –*

*Ix-xhud:*

*Għidtlu, "kif tridu? Kulħadd jieħu ħwejjġu?" Qalli, "le," qalli, "agħmilhom kif ħadthom, kif ġbarthom dalgħodu."*

*Il-Qorti:*

*Jiġifieri inti llum m'għandek xejn minn dawn.*

*Ix-xhud:*

*Xejn.*

*Il-Qorti:*

*Qiegħed kollox –*

*Ix-xhud:*

*Kollox għandhom.*

*Il-Qorti:*

*Jiġifieri ma tajtx lura l-biċċa li kienet tal-kunsill u l-biċċa li kienet tiegħek?*

*Ix-xhud:*

*M'aċċettawx hekk le.*

*Il-Qorti:*

*Jiġifieri llum m'għandek xejn għandek.*

*Ix-xhud:*

*Jien m'għandi xejn għandi.*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*U int meta mort, mort hemm, qbadt u dħalt – ma qallikx l-iskrivan, "ieqaf! fejn sejjer!"*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Le, jiena, taf int, l-uffiċċju qiegħed hemmhekk hekk, kif tidħol mill-bankina, ftaħt, għidtlu, "ġejt għal ħwejjġi jien!"*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Qallek le jew iva jew xi ħaġa?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Eħe, qalli, "xi ħwejjġek hu!" Għidtlu, "għandek il-minuti; mur arahom." Għidtlu, "tal-computers."*

*<u>Il-Qorti</u>:*

*Imbagħad int x'għamilt sakemm għidtlu jmur jara l-minuti?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Dak baqa' iċċassat hekk! M'għamel xejn. La ra minuti, m'għamel xejn.*

*<u>Avukat Dottor Jean Paul Grech</u>:*

*U jiġifieri tikkonferma ukoll li inti ħadt affarijiet illi effettivament ma kontx issupplixxejt inti lill-kunsill?*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Aħna issupplixxejna.*

**KUNSIDERAZZJONI LEGALI DWAR L-AKKUZI**

Il-Qorti se tara jekk il-fattispecie tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputat.

**<u>Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali – *Ragion Fattasi*</u>**

L-ewwel (1) akkuza hija bazata fuq l-artikolu 85(1) tal-Kap. 9. Dan l-artikolu jipprovdi li *"Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur: - Iżda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija,* ***<u>tagħti l-piena tal-multa.</u>****"*

Illi l-imputat gie akkuzat bl-hekk imsejha '*ezercizzju arbitrarju ta' pretenzjonijiet*'. Din l-offiza giet klassifikata mill-legislatur taht delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet ohra. Il-Professur Sir Anthony Mamo fin-Notes on Criminal Law fit-tieni volum tieghu qies dawn l-offizi bhala s-segwenti:

> *'These crimes attack the State but indirectly, inasmuch as, without being actuated by motives hostile to the Government, they proceed from other causes, often of a private character and affect those social institutions on and by which the machinery of the Government rests and moves: those institutions, that is to say, which provide the means of guaranteeing to every member of the community the integrity of his rights and those benefits which derive from the state of civil society.'*

Fi kliem il-gurista Carrara "*La ragion fattasi e' il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell'altrui possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all'autorita pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti.*"

Bl-introduzzjoni ta' dan l-artikolu, l-ghan ahhari tal-legislatur kien li jipprotegi l-*istatus quo* kontra min jiehu l-ligi b'idejh, indipendentement minn jekk l-aggressur jew il-vittma jkollux dritt jew le. **Huwa artikolu intiz biex jistabilixxi l-ordni pubbliku u biex ma jhallix lill-individwu privat jezercita setgha li fl-ahhar mill-ahhar tispetta lill-awtorita pubblika**. Huwa ghalhekk li l-istess artikolu jinstab fil-parti tal-Kodici Kriminali relatata ma' delitti kontra l-Amministrazzjoni tal-Gustizzja u Amministrazzjonijiet Pubblici ohra. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Anthony Micallef***, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ikkummentat hekk fuq il-portata ta' dan l-artikolu:

> *"Apparti li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili jitmexxew indipendentement minn xulxin (Artikolu 6, Kap. 9), ir-reat ipotizzat fl-imputazzjoni huwa dak ta' delitt kontra l-amministrazzjoni tal-ġustizzja, u aktar preċiżament id-delitt ta' l-użu kontra l-liġi mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita` pubblika. L**-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali hu intiż mhux biex jipproteġi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun - għal tali protezzjoni hemm l-azzjoni***

***ċivili - iżda biex jipprevjeni l-użurpazzjoni mill-privat tas-setgħat ta' l-awtorita` pubblika***. *Isegwi għalhekk li, indipendentement mill-protezzjoni mogħtija permezz ta' l-azzjoni jew azzjonijiet ċivili, jekk jirriżulta bħala fatt li kien hemm l-użurpazzjoni ravviżata fl-imsemmi Artikolu 85, il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom jaġixxu tempestivament biex jirristabilixxu l-ordni pubblika permezz tas-sanzjoni penali.*

*Il-Qrati ta' Gustizzja Kriminali għandhom addirittura s-seta' li jiddeterminaw kwistjonijiet ċivili inċidentali għar-risoluzzjoni tal-vertenza penali."*

Ezami dettaljat tal-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat sar mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et*** preseduta mill-Imhallef W. Harding.[11] F'din is-sentenza il-Qorti tal-Appell identifikat l-erba' elementi li jridu jigu sodisfatti sabiex wiehed jkun jista' jitkellem minn sejbien ta' htija taht dan l-artikolu:

(a) L-att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni espressa jew prezunta ta' dan il-haddiehor. Il-gurista Carrara li hafna drabi jigi citat bhala l-pedament awtorevoli ta' dawn l-erba' elementi ta' raġion fattasi jispjega dan l-element bhala ***"un atto esterno che spogli***

[11] Deciza fl-14 ta' Ottubru 1944 u riportata f'Vol. XXXII.iv.768. Dawn l-elementi gew riportati f'sentenzi ohra fosthom ***Il-Pulizija vs Emanuel Muscat et***, deciza fit-30 ta' Settembru 1996 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

***altri di un bene che gode ..."*** Ikompli jghid li *"Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia, non delinque; perchè la legge protegge lo status quo, il quale non può variarsi tranne per consenso degl' interessati, o per decreto dell'autorità giudiciale."*

(b) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt;

(c) il-koxjenza tal-agent li hu jkun qieghed jaghmel *di privato braccio* dak li jmissu jsir permezz tal-awtorita' pubblika jew, fi kliem il-Crivellari, *"la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato"*[12]*; u*

(d) in-nuqqas ta' titolu li jrendi l-fatt aktar gravi.[13]

L-element intenzjonali huwa importanti ferm ghaliex huwa dak li jikkwalifika dan ir-reat minn reati ohra. Fil-fatt hu ben risaput – u dan johrog anke mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina – li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' **ragion fattasi** jew ghal reati ohra (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dan ir-reat ta' **ragion fattasi** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk din l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika.[14]

---

[12] *Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749.*

[13] Ara, fost diversi sentenzi, ***Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia***, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru 1957, Vol. XLI.iv.1506; ***Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia***, Appell Kriminali 17 ta' Frar 1995; ***Il-Puliziia vs. Carmelo Ciantar***, 18 ta' Settembru 1996. Ara wkoll Falzon, G., ***Annotazioni alle Leggi Criminali** (Malta)*, 1872, p. 123.

[14] Ara f'dan is-sens is-sentenza ***Il-Pulizija vs Mario Lungaro***, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Novembru 1996.

Fil-fatt fis-sentenzi fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Eileen Said***[15] u ***Il-Pulizija vs Vincent Cortis***[16], il-Qorti tal-Appell Kriminali kompliet telabora li *"element kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor, per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagini fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu it-tgawdija taghha."*

Mhuwiex il-kompitu tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali li tidhol u tezamina l-kwistjoni dwar jekk il-proprjeta` hijiex tal-kwerelant jew le. Ghall-fini tar-reat ipotizzat fl-artikolu 85(1) huwa sufficjenti li l-kwerelant igib il-prova li huwa ghandu xi forma ta' pussess jew inkella detenzjoni.[17] Difatti fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bongailas***, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet ghamlitha cara li: *"Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment għall-ewwel element kostituttiv tiegħu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant,* ***kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni".***

L-istess principju gie riaffermat fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija***

[15] Deciza fis-19 ta' Gunju 2003.
[16] Deciza fis-27 ta' Novembru 2008.
[17] Ara sentenza Il-Pulizija vs Dr Michael Caruana – deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fit-2 ta' Ottubru 2012 (Kawza Nru 103/2009).

***vs. Joseph Attard.***[18] Il-Qorti sahqet li: *"Ir-reat ipotizzat fit-tieni imputazzjoni huwa dak ta' delitt ta' uzu mill-privat kontra l-ligi tas-setghat ta' l-Awtorita` Pubblika. Ghas-sussistenza ta' l-ipotesi tal-ligi skond l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali bazikament dak li jrid jigi determinat huwa jekk il-kwerelanti kellux* ***pussess tutelabbli*** *tal-passagg, li seta' jikkonsisti sew minn pussess materjali, sew minn wiehed ta' detenzjoni."*[19]

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nicholas Mallia**[20]. F'dan il-kaz instabet htija fl-imputat u dana ghaliex huwa ma kienx ha l-vie legali u lanqas kellu l-kunsens tal-Kunsill. Ta' relevanza ghal kaz taghna huwa r-ragunament adottat mill-Onorabbli Qorti.

> *Jekk l-appellant kellu xi pretensjoni fir-rigward ta' dawk l-iskips, imissu agixxa "ope magisterium" billi jirrikorri fil-Qrati, wara li jkun interpella inutilment jew lill-likwidatur tal-Ko-operattiva-jekk kien hemm- u l-membri tagħha, kif ukoll lill-Kunsill Lokali konċernanti... Minflok għażel li jieħu "short cut" u di privato braccio u minkejja d-dissens impliċitu tal-Kunsilli w tal-kuntrattur l-ġdid, aġixxa, għax kien jemmen li qed jaġixxi bi dritt, dritt li prima facie lanqas biss jidher li kellu.*

Fuq kollox:

---

[18] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Settembru 2008.
[19] Ara wkoll Il-Pulizija vs George Zahra – Appell Kriminali deciza fis-16 ta' Lulju 1958.
[20] Qorti tal-Appell bin-numru: 224/2008

**"L-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-*istatus quo*."**

Stabbiliti kwindi dawn il-fatti probatorji u elementi gurisprudenzjali u legali li jsawru r-reat tar-*ragion fattasi*, ma hemmx dubju illi dawn l-elementi indikati jinsabu ppruvati fil-konfront tal-imputat. Mill-provi hareg bic-car li l-imputat minghajr l-ebda pre-avviz, qabad u mar fl-ufficini tal-Kunsill Lokali Fontana. Dan ghaliex skont hu l-Kunsill kien iddecieda li jaghtih il-*parts*. Ippretenda li ghax kien hemm decizjoni tal-Kunsill li seta' jiehu l-parts, liema decizjoni kienet fil-minuti u ghaliex kien iltaqa mieghu fit-triq is-Sindku u nfurmah bid-decizjoni, seta' arbitrarjament minghajr ma jinforma lil hadd jidhol fl-ufficini tal-Kunsill u jiehu li jrid u joghgbu.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi tezisti prova in atti li tindika illi fid-data indikata fl-akkuza, l-imputat ikkometta r-reat li dwaru huwa jinsab akkuzat billi hemm xhud l-iskrivan tal-Kunsill li jindika illi l-att materjali tar-reat gie kommess minnu.

L-imputat Jimmy Paul Saliba fix-xhieda tieghu stqarr:

*Ix-xhud:*

*Mela jien niftakar fuq liema ħdimna!*

*Avukat Dottor Jean Paul Grech:*

*Jiġifieri inti għidt, kien hemm dawn il-computers, ma ftakartx fuq liema ħdimt u qabad u ħadt iż-żewġ computers.*

*<u>Ix-xhud</u>:*

*Xi trid tagħmel!?*

**<u>Izda l-Qorti taghmilha cara li l-mod dilettantesk li bih mexa l-Kunsill Lokali tal-Fontana f'dan il-kaz u li kien l-istess Kunsill bl-agir irresponsabbli tieghu li wassal ghal dan il-kaz, meta l-Qorti se taghti l-piena se zzomm dan kollu f'mohhha.</u>**

**L-akkuzi dwar** ***computer misuse***

Il-Qorti ghandha d-dover sabiex wara li fliet ix-xhieda tara jekk il-fatti specie tal-kaz jammontawx ghar-reati moghtija lill-imputat li jikkoncernaw *computer misuse* kif kontemplat fl-Artikolu 337C (a) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-reati li jkkoncernaw l-uzu mhux kif awtorizzat fil-kompjuter jinsabu fis-sub-titolu V tal-Kodici Kriminali intitolat '*Of Computer Misuse*' u gie introdott permezz ta' Att VII tas-sena 2010 u emendat b'Att VII tas-sena 2015.

Il-**Computer Misuse Bill** li hareg ghad-diskussjoni pubblika nhar it-18 ta' Novembru 2000 kienet wahda mit-tlett bills li hargu sabiex jikkriminalizza reati konnessi mal-uzu hazin ta' kompjuter. Din kellha bzonn framework regolatorju sabiex ikollna socjeta'

elettronika u jidher li dan kien l-ghan ewlieni tal-ligi li kienet qed tigi diskussa. Din il-ligi giet proposta sabiex jigi indirizzat dan il-fattur ta' uzu hazin. Kif jirrizulta mid-dibattiti parlamentari tas-seduta tal-1 ta' Novembru 2000 l-allura Onorevoli Ministru tat-Trasport u Komunikazzjoni il-Perit Censu Galea gie rapportat li qal is-segwenti:

> *"madankollu rridu niehdu ukoll il-mizuri legislattivi, il-passi legali necessarji irid ikollna l-framework legali ukoll, li permezz tieghu min jipprova b'xi mod jabbuza minn dik l-informazzjoni li jkun hemm fuq is-sistemi li qieghdin insemmi attwalment ikun jista' jigi processat, attwalment tkun jista ukoll jittiehdu fil-konfront tieghu l-passi legali..."*

Pero' kif anke gie diskuss fl-istess seduta kif ser jigi rapportat, il-parlamentari hadu in konsiderazzjoni l-importanza li l-ligi nostrana tkun in linea ma' standards internazzjonali. Fis-sens li jkun hemm mhux biss ghajnuna reciproka internazzjonali f'materji ta' indole kriminali, izda li jkun hemm *standardisation of offences*, sabiex b'hekk ikun hemm uniformita' fir-reati. Ghalhekk il-mudell Malti huwa influwenzat bi kbir bil-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa fuq Cybercrime u l-ligi Ingliza. Il-Ministru tal-Gustizzja u Gvern Lokali Dr. Austin Gatt meta kkummenta fuq dan il-Bill ta' Computer Misuse stqarr is-segwenti:

> *"… mhux bilfors irridu nehduhom (direttivi tal-UE, UN et al) in konsiderazzjoni. Mela nistghu ninjoraw l-istandards li qed*

*taghmel l-Ewropa, li qed taghmel l-Amerika, li qed jaghmlu l-Far East u li qed jaghmlu organizazzjonijiet Internazzjonali."*

Il-ligi dwar computer misuse ma gietx promulgata bhala ligi separata kif hemm f'diversi pajjizi Ewropej izda integrata fil-kodici penali u ghalhekk il-ligi dwar computer misuse taghmel referenza biss ghal certi istanzi ta' uzu hazin tal-kompjuter fejn ir-reati tradizzjonali li jistghu jigu kommessi bl-uzu ta' kompjuter gew imwarrba.

M'hemmx dubju li l-akkuzi li nghataw fil-konfront tal-imputat ilkoll jitkellmu u jaghtu cirkostanzi meta jista' jinghad li hemm uzu hazin ta' kompjuter. Huwa difficli hafna li tinghata definizzjoni ta' x'jikkostitwixxi uzu hazin ta' kompjuter ghaliex kwalsiasi definizzjoni li tinghata trid ikollha tibdil kontinwu peress li t-teknologija li tintuza ghal kreazzjoni ta' reat fuq kompjuter tinbidel fi zmien qasir.

Peress illi din il-ligi hija modellata fuq il-ligi Ingliza maghrufa bhala **Computer Misuse Act 1990** ikun utli li din il-Qorti tara jekk f'dik il-ligi nghatatx tifsira propizja. Fl-Artikolu 1 tal-Ligi Ingliza nsibu li l-access irid ikun mhux awtorizzat sabiex ikun hemm reat ta' computer misuse.

**Richard Card** fil-ktieb tieghu intitolat '**Criminal Law'**[21] jghid li dan ghandu jkun "*Access of any kind by a person is unauthorised if he is not entitled to control access of the kind in question to the program or data and he does not have access of the kind in question to the program or data and he does not have consent to such access from any person who is so entitled."*

**Blackstone** fil-ktieb tieghu intitolat **Criminal Practice**[22] jiddiskrivi dan l-unauthorised access billi jipprovdi s-segwenti:

> *"Access of any kind by any person to any program or data held in a computer is unauthorised if (a) he is not himself entitled to control access of the kind in question to the program or data and (b) he does not have consent to access by him of the kind in question to the program or data from any peson who is so entitled"*

Infatti fil-ktieb intitolat **Computer Law**[23] ippublikat minn **Reed u Angel** b'referenza ghal Computer Misuse Act tar-Renju Unit, jinghad hekk:

> *"First, there must be 'intent to secure access to any program or data held in any computer. . . . Second, the person must know at the time that he commits the actus reus that the access he intends to secure is unauthorised. The intent does not have to be directed at any particular program."*

[21] (Butterworths 1998 Edition) fol 381
[22] (Edition 1996 fol B18-1 pagna 643)
[23] fis-sitt edizzjoni

Illi din il-materja hija pjuttost gdida ghall-Qrati Maltin tant li ma ssibx wisq gurisprudenza li taghti konfort lil min qed jiddeciedi kawzi bhal dawn. Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet il-**Pulizija vs Matthew Borg** deciza fl-10 ta' Novembru 2014. F'din is-sentenza l-Magistrat Consuelo Scerri Herrera illum Imhallef fil-Qorti Kriminali dahlet fil-fond dwar din it-tema. L-istess is-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Martin Debono et** deciza fis-26 ta' Settembru 2014 mill-Magistrat Audrey Demicoli u l-kaz il-**Pulizija vs Salvatore Laferla** deciz minn din il-Qorti fil-3 ta' Ottubru 2017.

L-Artikoli tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jirregolaw din il-materja u cioe` l-Artikolu 337 huwa pjuttost miftuh ghal interpretazzjoni.

L-imputat gie akkuzat talli minghajr awtorizazzjoni ghamel *access* ghal xi *data software* jew dokumentazzjoni ta' appogg mill-kompjuter li jkunu qieghdin jinzammu fih sew billi dawn ittellghu bi xbieha jew b'kull mod iehor li jkun kif kontemplat fl-Artikolu 337C (b). Minkejja li fl-Artikolu 337B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hemm diversi tifsiriet dwar kliem relatat mar-reati ta' uzu mhux kif provdut tal-kompjuter ma nsibu l-ebda tifsira tat-terminologija 'minghajr awtorizzazzjoni'.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li effettivament l-imputat kif stqarr li hu ma dahalx fis-sistema biex jiehu xi data li kien hemm jew inkellu jbaghbas l-istess data li kien hemm fis-sistema.

L-imputat gie akkuzat bir-reat kif dispost fl-Artikolu 377C (f) talli "minghajr awtorizzazzjoni ha pussess ta' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jew ghamel uzu minnhom".

Il-prevenzjoni ghall-access dejjem kien ta' interess ghal komunita' tal-kompjuters u dan sa mill-bidu taghhom kif hemm indikat fir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa No. 89(9) li jipprovdi dwar "*The prevention (or hindering) of access has grown to be a grave offence in todays information usability or intelligibility, the mere act of output is rendered illegal*".

Dan l-artikolu 337C (f) ghandu jinqara' flimkien mal-Artikolu 337C (4) li jipprovdi s-segwenti:

> (4) "*Għall-għanijiet tas-subartikolu (1)(f), persuna li minħabba li jkollha fil-kustodja tagħha jew taħt il-kontroll tagħha xi data, computer software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ li ma tkunx awtorizzata li jkollha, għandha titqies bħala li tkun ħadithom fil-pussess tagħha*".

Dawn iz-zewg Artikoli jipprovdu ghas-serq ta' strutturi inkorporali ta' data, software u dokumentazzjoni ta' appogg. Il-kelma 'serq' hawnhekk hija wzata b'mod litterali u dan b'mod distint minn dak li komunement huwa mifhum 'bit-tehid tal-oggett' jew '*making use of both implies the tangible loss of information*

*from the rightful owner and in the case of software often a breach of other laws (such as the Copyright Act).'*

L-artikolu 337C (4) jiffacilita d-dover tal-Prosekuzzjoni billi jipprovdi li t-tehid mhux awtorizzat ta' data, software jew dokumentazzjoni ta' appogg jimplika li dik il-persuna hadet il-pussess ta' dak l-oggett u dan l-agir jaqa' fil-parametri tas-sub inciz (f) tal-Artikolu 337C. Din il-kjarifika tipprovdi li l-persuna li ghandha l-pussess ta' tali materjal ma tistax tghid li ghandha pussess accidentali jew jekk taghmel hekk trid tipprova li ma kinitx taf b'tali pussess jew ma kellha l-ebda intenzjoni li jkollha tali pussess. Fil-kaz odjern jirrizulta li l-imputat kellu pusess ta' dan minhabba c-cirkostanzi li l-Qorti diga' ghamlet analizi taghhom meta kienet qeghda tanalizza r-reat ta' "*pretended rights*", l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. Minn imkien ma jirrizulta li effettivament l-imputat uza dan ghal haga ohra. L-imputat anzi kien qieghed jara li ma tintilifx id-data li seta kien hemm u liema data kien se jpoggiha fuq DVD halli jkun jista' jghaddieha lill-Kunsill Lokali tal-Fontana.

**L-imputazzjoni abbazi tal-Artikolu 337D (a) u (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

L-artikolu 337D (a) jipprovdi bil-mod segwenti:

> *Kull persuna li mingħajr awtorizzazzjoni tagħmel xi wieħed minn dawn l-attijiet li ġejjin tkun ħatja ta' reat kontra dan l-artikolu –*

*(a) timmodifika tagħmir jew provvisti tal-computer li jintużaw jew li huma maħsubin li jintużaw f'xi computer, sistema ta' computer jew computer network.*

Mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni hareg bic-car li ma kien hemm ebda modifika ta' xi taghmir jew inkella ta' provvisti tal-computer. Illi din il-Qorti temmen li d-definizzjoni tal-kelma 'timmodifika ghandha tinghata tifsira ristretta gialadarba l-Legislatur ma ta ebda definizzjoni dwar x'tip ta modifiki kien qed jirreferi ghalihom. Illi fil-laqghat numru 57 u 58 (tat-28 ta' Novembru 2000 u tal-4 ta' Dicembru 2000) tal-Kumitat Permanenti ghal Konsiderazzjoni ta' Abbozzi tal-Ligi, ma sar ebda accenn ghat-tifsira tal-kelma 'modifikazzjoni'. Illi ghalhekk din l-Qorti ser taddotta t- tifsira restrittiva tal-kelma u tara jekk mill-provi jirrizultax li b'xi mod l-imputat biddel xi haga fit-taghmir jew provvisti tal-computer. Illi minn ezami akkurat tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni u mill-analizi li saret tal-hard drives ma jirrizultax li kien hemm xi taghmir u cioe' hardware jew software jew inkella provvisti tal-computer li gew modifikati b'tali mod li effetwaw l-operat tal-computer u jsegwi ghalhekk li l-imputat ma jistax jinstab hati ta' din l-imputazzjoni.

**L-imputazzjoni abbazi tal-Artikolu 337D (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

L-artikolu 337D (b) jipprovdi hekk:

*(b) tieħu pussess ta', tagħmel ħsara fi jew teqred xi computer, sistema ta' computer, computer network, jew provvisti ta'*

*computer li jintużaw jew huma maħsubin li jintużaw f'xi computer, sistema ta'computer jew computer network jew tħassar it-tħaddim ta' xi wieħed minnhom.*

Il-Qorti setghet tikkonstata li meta giet ippublikata l-White Paper "On the Legislative Framework for Information Practices" li in forza taghha sar l-Abbozz u wara l-Att fejn gew introdotti l-artikoli tal-Ligi li jirrigwardaw il-*computer misuse* f'pagna 31 hemm indikat is-segwenti:

*"Modification or destruction of computer equipment is considered an offence. Although destruction of property is an offence of long standing and already catered for in existing legislation, it is believed to be appropriate to make such a provision. Even though the equipment in question may be of small intrinsic value, the resulting damage caused by the impairment of the system may be great".*

Illi minn dan il-paragrafu jidher li fir-reati tal-*computer misuse* l-accenn huwa li l-hsara jew modifika tal-computer irid ikun tali li b'xi mod ihalli effett negattiv fuq is-sistema fejn qieghed isir l-uzu u cioe' li kwalunkwe modifikazzjoni kemm ta' *hardware* jew *software* sejjer jikkaguna hsara rreparabbli fuq sistema bhal per ezempju t-tehid jew distruzzjoni ta' *server* li huwa l-mohh ta' computer network. Fl-istess rapport tal-Kumitat Permanenti ghal Konsiderazzjoni ta' Abbozzi tal-Ligi jissemma li meta gew biex jidhlu fis-sehh dawn l-artikoli fil-Kodici Kriminali sar studju tal-**Wisconsin Criminal Code** (Art 943.70) kif ukoll tal-**Computer Misuse Act 1990** tal-Ingilterra u dik tal-Malaysia izda hafna mill-

artikoli gew influwenzati mill-provvedimenti tal-Wisconsin Criminal Code. Illi fl-Artikolu 943.70 tal-Wisconsin Criminal Code hemm accenn ghal reati li jaqghu taht l-Artikolu 337D (b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u jistabbilixxi li sabiex ikun hemm dan it-tip ta' reati l-awtur irid jagixxi *"willfully, knowingly and without authorization"*. Fil-Ligi taghna *"without authorization"* hija bizzejjed sabiex jitwettaq dan ir-reat. Illi jekk jigi pruvat li hadd ma ta awtorizzazzjoni sabiex issir xi haga hekk imsemmija fl-artikolu 337D (b) allura m'hemmx bzonn li jkun hemm l-intenzjoni specifika li persuna jaghmel xi hsara fuq il-computer.

Din il-Qorti trid ghalhekk tara jekk fil-kaz odjern l-agir tal-imputat kienx jammonta ghal xi wiehed minn dawk l-aspetti msemmija fl-artikolu 337D (b). L-ewwel element tar-reat imsemmi fl-Artikolu 337D (b) huwa l-pussess ta' tali computer minghajr awtorizzazzjoni. Gie ormai stabbilit li l-computers in dizamina kienu qeghdin ghand l-imputat wara awtorizzazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Gunju 2017 li jiehu l-parts li kien provda hu stess lill-Kunsill. Illi inoltre ma jistax jinghad li ma kienx hemm "awtorizzazzjoni" sabiex dawn il-computers ikunu fil-pussess tieghu kif jirrizulta mill-minuti tal-laqgha[24] li saret fil-Kunsill fejn jinghad li li l-imputat kellu jiehu lura dak li pprovda lill-Kunsill fuq talba tas-Segretarju Ezekuttiv. Illi ghalhekk f'dan il-kaz ma jirrizultax li l-computers kienu ghand l-imputati minghajr awtorizzazzjoni fil-veru sens tal-kelma.

[24] A fol. 42

Element iehor ta' dan ir-reat huwa l-hsara jew il-qerda tal-computer li fil-fehma tal-Qorti bl-ebda mod ma jirrizulta li saru. Il-fatt li tnehhiet hard drive minn dawn il-computers per se bl-ebda mod ma tindika li fil-fatt dawn il-computers kellhom xi hsarat jew li nqerdu bhala konsegwenza.

Illi l-ahhar element ta' dan ir-reat huwa l-impairment tas-sistema. Wiehed irid ghalhekk jara jekk it-tnehhija tal-hard drive jammontax ghat-thassir tat-thaddim tal-computer (it-text Ingliz jitkellem fuq *impairment*). Il-Legislatur ma offra ebda definizzjoni tal-kelma thassir tat-thaddim tal-computer u isegwi li ghandha tinghata definizzjoni restrittiva ta din il-kelma. F'dan ir-rigward il-Qorti setghat tinnota li ma ngabet ebda prova teknika li tindika li l-computers wara li tnehhiet il-hard drive soffrew xi hsara. Illi fin-nuqqas ta' tali prova u fid-dawl tal-fatt li ma ngabet ta' ebda prova ohra li turi li dawn il-computers soffrew xi hsara fit-thaddim taghhom, din il-Qorti l-anqas ma tista' ssib htija ghal din l-imputazzjoni.[25]

## KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR AGIR KUNSILL LOKALI

Il-Qorti li ghexet dan il-process ma tistax ma turix it-thassib taghha dwar kif agixxa l-Kunsill Lokali tal-Fontana f'dan il-kaz li ghax ma qabilx fuq ordni ta' xoghlijiet li ghamlet is-Segretarju Ezekuttiv tal-

[25] Il-Pulizija vs Martin Debono et – Deciza fis-26 ta' Settembru 2014 (Mag. Dr Audrey Demicoli)

Kunsill f'sitwazzjoni ta' emergenza jiddeciedi li ma jhallasx u jiddeciedi li xoghol li sar fuq is-sistema tal-*computers* is-*supplier* kellu jigi jiehdu lura u dan aktar minn sena wara. Dan mhux accettabli u ma jirriflettix professjonalismu u governanza tajba min-naha tal-Kunsill. L-imputat jidher li spicca bejn il-basla u qoxritha, bejn Segretarja Ezekuttiv li telqet ftit wara u s-Sindku. Kien ikun ghaqli li meta tqanqlet din id-diffikulta l-Kunsill kellu jiehu direzzjoni minghand id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali permezz tal-*Monitoring Unit* u jinforma u jiehu decizjoni minghand il-Bord ta' Governanza Lokali. F'dan il-kaz il-Qorti izda hija msejha biex tiddeciedi fuq l-akkuzi migjuba kontra l-imputat kif qalu tajjeb is-Sindku u s-Segretajru Ezekuttiv fin-nota tas-sottomissjonijiet li ***"Mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tiddetermina jekk il-Kunsill Lokali kienx korrett jew le fil-mod ta' kif mexa fil-kaz odjern, b'mod partikolari jekk il-Kunsill kienx gustifikat fid-decizjoni tieghu li ma jhallasx lill-imputat l-erba' mija u hamsin ewro (€450) mitluba minnu. Din hija kwistjoni purament civili, li trid tigi indirizzata fil-forum civili kompetenti"*** izda dak li m'ghamilx il-Kunsill, se taghmlu l-Qorti u tibghat kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Kunsilli Lokali biex jghaddi l-kaz lill-Bord ta' Governanza Lokali halli jhejji rapport dwar il-kaz u l-mod dilettant li ddecieda li jimxi bih il-Kunsill. Il-Kunsill naqas li jara x'jipprovdi l-**<u>artikolu 32 tal-Ordnijiet Permanenti</u>** relevanti meta jkun hemm il-htiega li jsiru xi hlasijiet urgenti qabel l-approvazzjoni tal-Kunsill. L-ordnijiet permanenti jipprovdu li fejn ikun mehtieg li l-hlas isir qabel ma jigi awtorizzat mill-Kunsill, hlas bhal dan ghandu jigi certifikat mis-Segretarju Ezekuttiv biex juri kemm ikun korrett u urgenti. F'dan il-

kaz is-Segretarju Ezekuttiv hasset li kien hemm urgenza u agixxiet kif ghandha l-poter li taghmel u dan wara li infurmat lis-Sindku bit-telephone ghax *"ma jarax email"*.

**DECIDE:**

**Il-Qorti ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati tat-tieni (2), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni u minnhom tilliberah, u wara li rat Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni u tikkundannah multa ta' hames ewro (€5) u dan minhabba l-kunsiderazzjonijiet li ghamlet din il-Qorti aktar 'il fuq.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza bl-inkartament kollu ghandha tghaddi ghand id-Direttur tal-Kunsilli Lokali biex ikun jista' jitlob lill-Bord tal-Governanza Lokali biex jinvestiga lill-Kunsill Lokali Fontana dwar il-fatti kollha li wasslu biex isehh dan il-kaz.**

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**